II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2299

tal-15 ta' Novembru 2022

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istruttura, tal-format, tad-dettalji tekniċi u tal-proċess għar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 jirrikjedi li l-Istati Membri jissottomettu lill-Kummissjoni l-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima li jkopru perjodu ta' għaxar snin u li jibbażaw fuq approċċ f'żewġ stadji billi, l-ewwel nett, jistabbilixxu objettivi, miri u kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija u, it-tieni, jippjanaw il-politiki u l-miżuri rilevanti biex dawn jintlaħqu. L-Istati Membri kienu meħtieġa jissottomettu l-ewwel pjanijiet nazzjonali integrati finali tagħhom għall-enerġija u l-klima għall-perjodu 2021-2030 sal-31 ta' Diċembru 2019.

(2) Skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999, kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni kull sentejn dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali tiegħu għall-enerġija u l-klima permezz ta' rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima li jkopri l-ħames dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija.

(3) Dawk ir-rapporti biennali ta' progress jirrappreżentaw sors ewlieni għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-progress li sar kemm fil-livell tal-Unjoni lejn il-miri u l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, kif ukoll minn kull Stat Membru lejn l-ilħuq tal-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet tiegħu u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima.

(4) Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri jridu jissottomettu pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati għall-enerġija u l-klima kull għaxar snin, f'nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima. Għall-perjodu bejn l-2021 u l-2030, l-Istati Membri għandhom jissottomettu abbozzi ta' pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati għall-enerġija u l-klima sat-30 ta' Ġunju 2023 u dawk finali sat-30 ta' Ġunju 2024.

([1]) ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1.

(5) L-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess għar-rapporti biennali ta' progress stabbiliti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw rapportar sħiħ b'mod strutturat, billi jirriflettu l-elementi stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 17 u 20 sa 25 tar-Regolament (UE) 2018/1999, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.

(6) L-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw il-progress fir-rigward tal-informazzjoni obbligatorja inkluża fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima, filwaqt li jqisu kif xieraq kwalunkwe eżenzjoni jew deroga mogħtija skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Huma meħtieġa wkoll jirrapportaw il-progress fir-rigward tal-informazzjoni jekk l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali rilevanti, u l-politiki u l-miżuri jiġu inklużi fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima. Minħabba l-ġbir possibbilment mhux komplut tad-*data* fiż-żmien tal-ewwel rapportar sal-15 ta' Marzu 2023, u kull sentejn wara dan, ċerta informazzjoni jenħtieġ li tiġi rrapportata biss jekk tkun disponibbli fiż-żmien tar-rapportar. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni volontarja biex jissupplimentaw l-elementi mandatorji.

(7) L-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw il-progress lejn l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali separatament fir-rigward tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.

(8) Minħabba l-interrelazzjonijiet tad-dimensjonijiet kollha tal-Unjoni tal-Enerġija, il-politiki u l-miżuri jistgħu jkunu rilevanti għal aktar minn wieħed mill-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, meta jirrapportaw dwar il-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' dawk il-politiki u l-miżuri, kif ukoll l-impatt kwantitattiv ta' tali politiki u miżuri fuq il-kwalità tal-arja u fuq l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw dwar politiki u miżuri individwali jew dwar gruppi ta' politiki u miżuri kif xieraq.

(9) F'konformità mal-kontenut tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa wkoll jirrapportaw dwar informazzjoni rilevanti oħra inkluża fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom fil-kwistjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

(10) Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapporti integrati dwar il-politiki u l-miżuri dwar il-gassijiet serra u dwar il-projezzjonijiet sal-15 ta' Marzu 2021 u kull sentejn wara dan. Billi jissottomettu dawk ir-rapporti, l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu rilevanti skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw dwar il-progress lejn il-finanzjament ta' dawk il-politiki u l-miżuri u, fejn possibbli, jenħtieġ li jikkwantifikaw l-impatt ta' dawk il-politiki u l-miżuri fuq il-kwalità tal-arja u fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

(11) Skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni d-*data* finali dwar l-inventarju tal-gassijiet serra flimkien mar-rapporti nazzjonali dwar l-inventarju sal-15 ta' Marzu 2023 u kull sena wara dan. Sas-sottomissjoni tad-*data* finali dwar l-inventarju tal-gassijiet serra flimkien mar-rapporti nazzjonali dwar l-inventarju, fid-data ta' rapportar rispettiva, l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligu rilevanti skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999. Ir-rapporti finali sottomessi skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999 jitqiesu wkoll għall-finijiet tar-rapportar dwar il-progress miksub lejn l-ilħuq tal-objettivi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jitqiesu l-eżiti tal-kontrolli inizjali kif imsemmi fl-Artikolu 37(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(12) L-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu r-rapporti tagħhom permezz tal-punt uniku ta' servizz tal-Kummissjoni permezz tas-sistemi ta' rapportar marbuta rilevanti stabbiliti taħt il-pjattaforma elettronika msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(13) Biex tissaħħaħ l-effiċjenza tar-rapportar mill-Istati Membri, l-informazzjoni rrapportata permezz ta' flussi ta' rapportar eżistenti oħrajn fil-qasam tal-enerġija, u b'mod partikolari, skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008, se timtela bil-lest mill-Kummissjoni abbażi tad-*data* disponibbli għall-finijiet tar-rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima sa fejn ikun possibbli.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija,

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "obbligatorju jekk applikabbli" tfisser il-kategoriji ta' informazzjoni li ġejjin li l-Istati Membri jridu jissottomettu:

(a) informazzjoni dwar l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet nazzjonali jew il-politiki u l-miżuri nazzjonali, biss jekk l-Istati Membri jkunu stabbilewhom jew adottawhom;

(b) informazzjoni dwar kif l-Istati Membri jindirizzaw rakkomandazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 32(1) jew (2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 biss jekk il-Kummissjoni tkun ħarġet din ir-rakkomandazzjoni;

(2) "obbligatorju jekk disponibbli" tfisser kategorija ta' informazzjoni li l-Istati Membri jridu jissottomettu biss jekk tali informazzjoni tkun disponibbli għalihom fil-ħin tas-sottomissjoni tar-rapport biennali ta' progress.

KAPITOLU II

RAPPORTAR DWAR L-OBJETTIVI, IL-MIRI U L-KONTRIBUZZJONIJIET NAZZJONALI

Artikolu 2

Rapportar dwar il-progress fir-rigward tad-dimensjoni tad-dekarbonizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi, inkluż il-progress lejn l-objettiv tal-Unjoni għan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u lejn il-miri fir-rigward tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (a)(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999, f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-rapporti biennali mill-Istati Membri sottomessi skont l-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u r-rapporti annwali sottomessi skont l-Artikolu 26(3) ta' dak ir-Regolament, filwaqt li tqis il-kontrolli inizjali kif imsemmi fl-Artikolu 37(4) ta' dak ir-Regolament, bħala sottomissjoni għall-fini ta' rapporti ta' progress nazzjonali integrati biennali dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17(1) ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-qasam tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (a)(2) u l-Artikolu 20, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-adattament imsemmija fl-Artikolu 4, il-punt (a)(1) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Artikolu 3

Rapportar dwar il-progress fir-rigward tad-dimensjoni tal-effiċjenza enerġetika

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni tal-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (b) u l-Artikolu 21, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Rapportar dwar il-progress fir-rigward tad-dimensjoni tas-sigurtà tal-enerġija

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni tas-sigurtà tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (c) u l-Artikolu 22, il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Rapportar dwar il-progress fir-rigward tad-dimensjoni tas-suq intern tal-enerġija

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni tas-suq intern tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (d) u l-Artikolu 23(1), il-punti (a) sa (g) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Rapportar dwar il-progress fir-rigward tad-dimensjoni tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tal-kompetittività

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet fir-rigward tad-dimensjoni tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tal-kompetittività msemmija fl-Artikolu 4, il-punt (e) u l-Artikolu 25, il-punti (a) sa (c) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi nazzjonali għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili, imsemmija fl-Artikolu 25(d) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

RAPPORTAR DWAR POLITIKI U MIŻURI

Artikolu 7

Rapportar dwar politiki u miżuri nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali, u fejn xieraq politiki u miżuri aġġornati jew ġodda, jew gruppi ta' politiki u miżuri, imsemmija fl-Artikolu 17(2), il-punti (a) u (c), u l-Artikoli 20 sa 25 tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra r-rapporti biennali mill-Istati Membri sottomessi skont l-Artikolu 18(1), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1999 bħala sottomissjonijiet għall-fini ta' rapporti ta' progress nazzjonali integrati biennali dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17(1) ta' dak ir-Regolament fir-rigward tal-qasam tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-Istati Membri għandhom jikkomplementaw ir-rapporti skont l-Artikolu 18(1), il-punt (a) bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 u fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

3. Meta jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri l-ġodda msemmija fl-Artikolu 21, il-punt (b)(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom, barra minn hekk, jirrapportaw l-informazzjoni f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Rapportar dwar l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija miksub skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-Parti 2, il-punti (b) sa (d) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Rapportar f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-erja totali tal-art tal-bini rinnovata tal-binjiet imsaħħna u mkessħa li huma proprjetà tal-gvern ċentrali tagħhom u okkupati minnu msemmija fil-Parti 2, il-punt (g) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija fil-binjiet eliġibbli li huma proprjetà tal-gvern ċentrali tagħhom u okkupati minnu msemmija fil-Parti 2, il-punt (g) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Rapportar dwar il-progress lejn il-finanzjament

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress lejn il-finanzjament tal-politiki u tal-miżuri, jew tal-gruppi ta' politiki u miżuri, imsemmija fl-Artikolu 17(2), il-punt (a), l-Artikolu 20, il-punt (b)(3), l-Artikolu 21, il-punt (b)(7), l-Artikolu 22, il-punt (g), l-Artikolu 23(1), il-punt (j) u l-Artikolu 25, il-punt (g) tar-Regolament (UE) 2018/1999 u rrapportat f'konformità mal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament, inkluż rieżami tal-investiment attwali kontra s-suppożizzjonijiet ta' investiment inizjali, f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Rapportar dwar l-impatt fuq il-kwalità tal-arja u fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja

Meta jirrapportaw dwar il-kwantifikazzjoni tal-impatt tal-politiki u l-miżuri, jew gruppi ta' politiki u miżuri, fuq il-kwalità tal-arja u fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, li huma koperti mir-rapporti sottomessi f'konformità mal-Artikolu 7(1) u (2), l-Istati Membri għandhom jagħmlu dan f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XIV

Artikolu 12

Rapportar dwar politiki u miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili

L-Istat Membru għandu jirrapporta dwar il-politiki u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 17(2), il-punti (a) u (c) tar-Regolament (UE) 2018/1999 dwar l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili, f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV

OBBLIGI OĦRAJN TA' RAPPORTAR

Artikolu 13

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni addizzjonali msemmija fil-Parti 1 tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999 fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni addizzjonali msemmija fil-Parti 2, il-punti (e), (f) u (h) sa (k) tal-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Rapportar dwar il-faqar enerġetiku u t-tranżizzjoni ġusta

1. Fejn japplika l-Artikolu 3(3), il-punt (d), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw:

(a) l-informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi indikattivi nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, imsemmija fl-Artikolu 24, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2018/1999, f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni kwantitattiva dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi fil-faqar enerġetiku, imsemmija fl-Artikolu 24, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1999, f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw dwar l-indikaturi fir-rigward tal-faqar enerġetiku f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabelli 2 u 3 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw l-informazzjoni dwar id-definizzjoni nazzjonali tal-faqar enerġetiku f'konformità mal-formati stabbiliti fit-Tabella 4 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw l-informazzjoni dwar kif l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ġusta inkluż permezz tal-promozzjoni kemm tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-indirizzar tal-inugwaljanzi fil-faqar enerġetiku f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XX għal dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali msemmija fl-Artikolu 12, fl-Artikolu 20, il-punt (b)(2), fl-Artikolu 21, il-punt (b)(6), fl-Artikolu 22, il-punt (f), fl-Artikolu 23(1), il-punt (i), u fl-Artikolu 25, il-punt (f) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-objettivi, il-miri u l-kontribuzzjonijiet u l-politiki u l-miżuri msemmija fil-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Rapportar dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 32(1) jew (2) tar-Regolament (UE) 2018/1999

Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 32(1) jew (2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri adottati, jew maħsuba li jiġu adottati u implimentati, biex jiġu indirizzati dawk ir-rakkomandazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament.

Meta l-Istati Membri kkonċernati jiddeċiedu li ma jindirizzawx rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, huma għandhom jipprovdu r-raġunament tagħhom f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Rapportar dwar id-djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar il-progress fl-istabbiliment tad-djalogu msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999, f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XXIII ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

PROĊESSI TAS-SOTTOMISSJONI

Artikolu 19

Sottomissjoni ta' rapporti

L-Istati Membri għandhom jużaw il-pjattaforma elettronika msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u l-għodod u l-mudelli relatati magħha għas-sottomissjoni ta' rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont dan ir-Regolament.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

DEKARBONIZZAZZJONI: EMISSJONIJIET U ASSORBIMENTI TAL-GASSIJIET SERRA

Tabella 1

Progress nazzjonali attwali u previst lejn il-miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) fid-dawl tan-newtralità klimatika

Element ta' rapportar	ID [1]	Speċifikazzjoni	Ambitu [2]	Unità	GWP [3]	Sena					Sena fil-mira għan-newtralità klimatika	L-emissjonijiet indiretti tas-CO_2 huma inklużi (iva/le)? [11]
						X-3 [10]	X-2	2030	2040	2050		
Newtralità klimatika [4]	A1	M_{iap}										
Rwol tal-assorbimenti [5]	A2	M_{iap}		$ktCO_2e$	AR 5							
Mira nazzjonali tal-gassijiet serra – għall-2030 u lil hinn, jekk tkun disponibbli, u stadji importanti indikattivi għall-2040 u l-2050.	B	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali [6]	$ktCO_2e$	AR 5							
	C	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali [6]	$ktCO_2e$	AR 5							
	D	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali [6]	$ktCO_2e$	AR 5							
Emissjonijiet storiċi	E	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali [7]	$ktCO_2e$	AR 5							
	F	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali [7]	$ktCO_2e$	AR 5							
	G	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali [7]	$ktCO_2e$	AR 5							

Xenarju WEM tal-Artikolu 18	H	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali ([8])	$ktCO_2e$	AR 5							
	I	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali ([8])	$ktCO_2e$	AR 5							
	J	M_{iap}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali ([8])	$ktCO_2e$	AR 5							
Xenarju WAM tal-Artikolu 18	K	M_{iav}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali ([8])	$ktCO_2e$	AR 5							
	L	M_{iav}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali ([8])	$ktCO_2e$	AR 5							
	M	M_{iav}	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali ([8])	$ktCO_2e$	AR 5							
Progress attwali (X-3): Differenza bejn id-*data* storika u l-valuri f'konformità mal-perkors tal-mira nazzjonali tal-gassijiet serra	N1	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal ([9])	AR 5							
	O1	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal ([9])	AR 5							
	P1	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal ([9])	AR 5							
Progress attwali (X-2): Differenza bejn id-*data* storika u l-valuri f'konformità mal-perkors tal-mira nazzjonali tal-gassijiet serra	N2	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal ([9])	AR 5							
	O2	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal ([9])	AR 5							
	P2	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal ([9])	AR 5							

Progress ipproġettat: Differenza bejn ix-xenarju u l-valuri tad-WEM f'konformità mal-perkors tal-mira nazzjonali tal-gassijiet serra	Q	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal (9)	AR 5							
	R	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal (9)	AR 5							
	S	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal (9)	AR 5							
Progress ipproġettat: Differenza bejn ix-xenarju u l-valuri tad-WAM f'konformità mal-perkors tal-mira nazzjonali tal-gassijiet serra	T	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra minbarra l-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal (9)	AR 5							
	U	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, minbarra l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal (9)	AR 5							
	V	mhux applikabbli	Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra inkluż il-LULUCF, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali	Perċentwal (9)	AR 5							

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; Miap = obbligatorju jekk applikabbli; Miav = obbligatorju jekk disponibbli.

Noti:

(1) L-IDs jintwerew biex juru kif jiġi kkalkolat il-progress – il-kalkoli li jużaw dawn l-IDs huma elenkati fin-nota (9).

(2) Id-*data* għandha tiġi pprovduta biss f'dawk il-linji li japplikaw għall-Istati Membri fil-mira tal-ambitu. Irrapporta d-*data* f'konformità mal-inventarju ta' gassijiet serra. It-totali rrapportati għal din il-kolonna għandhom jinkludu emissjonijiet indiretti tas-CO_2 jekk dawn jiġu rrapportati fl-inventarju ta' gassijiet serra.

(3) Informazzjoni li skontha għandhom jiġu rrapportati l-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. *Data* tal-inventarju ta' gassijiet serra: il-Potenzjal ta' Tisħin Globali li japplika għall-inventarji ta' gassijiet serra fl-istess sena. AR 5 = il-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali mill-ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCCs.

(4) Jekk ikun hemm stabbilit objettiv nazzjonali tan-newtralità klimatika, is-sena fil-mira għan-newtralità klimatika.

(5) Jekk ikun hemm stabbilita mira nazzjonali totali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030, l-2040 jew l-2050, it-total tal-assorbimenti stmati għas-sena fil-mira rispettivament. Jekk ikun hemm stabbilit objettiv nazzjonali tan-newtralità klimatika, l-assorbimenti totali stmati għas-sena fil-mira tan-newtralità klimatika f'ktCO_2e.

(6) Ipprovduti mill-Istat Membru skont l-informazzjoni fil-pjan nazzjonali integrat attwali għall-enerġija u l-klima (bħal fl-Anness I, il-Parti 1, it-Taqsima A, it-Taqsima 2, il-punt 2.1.1(ii). *Objettivi u miri konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrateġiji fit-tul eżistenti* tar-Regolament (UE) 2018/1999) f'konformità mal-istrateġija fit-tul tiegħu rrapportata skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(7) Emissjonijiet totali finali ta' gassijiet serra kif sottomessi mill-Istati Membri fl-informazzjoni finali tagħhom dwar l-inventarju ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fl-istess sena ta' rapportar u rrapportati f'konformità mal-linji gwida dwar l-inventarju ta' gassijiet serra (ara l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1208 tas-7 ta' Awwissu 2020 dwar l-istruttura, il-format, il-proċessi ta' sottomissjoni u r-rieżami tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 749/2014 (ĠU L 278, 26.8.2020, p. 1)).

(8) Id-*data* finali mis-sottomissjonijiet tal-Istati Membri fl-istess sena ta' rapportar skont l-Anness XXV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1208 għar-rapportar skont l-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

([9]) Il-valuri jiġu kkalkolati awtomatikament bħala differenza perċentwali għall-mira partikolari. Ikkalkolati awtomatikament biss għal dawk l-elementi ta' rapportar fejn ir-ringiela korrispondenti fi blokka bl-IDs B-D tkun ġiet mimlija. Jekk ma jkun possibbli l-ebda kalkolu awtomatiku, iċ-ċellola għandha timtela bil-kjavi tan-notazzjoni NA – mhux applikabbli. Valur negattiv jindika li l-emissjonijiet huma x % oġħla mill-mira partikolari, filwaqt li valur pożittiv jindika li l-emissjonijiet huma x % inqas mill-mira.

N1= (B-E)/B - bl-użu ta' *data* minn X-3 għal E
N2= (B-E)/B - bl-użu ta' *data* minn X-2 għal E
O1= (C-F)/C -bl-użu ta' *data* minn X-3 għal F
O2= (C-F)/C -bl-użu ta' *data* minn X-2 għal F
P1= (D-G)/D - bl-użu ta' *data* minn X-3 għal G
P2= (D-G)/D - bl-użu ta' *data* minn X-2 għal G
Q= (B-H)/B
R= (C-I)/C
S= (D-J)/D
T= (B-K)/B
U=(C-L)/C
V=(D-M)/D

([10]) X-3 ma għandhiex tapplika għall-ewwel rapporti ta' progress fl-2023.

([11]) Jindika b'iva/le jekk l-emissjonijiet indiretti tas-CO_2 humiex inklużi fiċ-ċifra fil-mira.

Tabella 2

Progress attwali u dak ipproġettat lejn il-limiti nazzjonali vinkolanti annwali skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif irrapportat skont l-Artikolu 26(3) u l-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1999

Element ta' rapportar	ID	Speċifikazzjoni	Unità	GWP ([1])	Sena				
					X-3 ([9])	X-2	t	t+5	t+10
Allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet (AEA) ([2])	A	M	$ktCO_2e$	AR 5					
Emissjonijiet totali tal-kondiviżjoni tal-isforzi f'X-3 u X-2 ([3])	B	M	$ktCO_2e$	AR 5					
Emissjonijiet totali tal-kondiviżjoni tal-isforzi - xenarju WEM ([4])	C	M	$ktCO_2e$	AR 5					
Emissjonijiet totali tal-kondiviżjoni tal-isforzi - xenarju WAM ([4])	D	M_{iav}	$ktCO_2e$	AR 5					
Emissjonijiet totali tal-kondiviżjoni tal-isforzi - xenarju WOM ([4])	E	M_{iav}	$ktCO_2e$	AR 5					
Progress attwali: Differenza bejn l-AEA u l-emissjonijiet totali rrapportati tal-ESR f'X-3 u X-2 ([5])	F	mhux applikabbli	$ktCO_2e$	AR 5					
Progress ipproġettat: Differenza bejn l-emissjonijiet tal-AEA u l-emissjonijiet totali tal-ESR fix-xenarju tad-WEM ([6])	G	mhux applikabbli	$ktCO_2e$	AR 5					
Progress ipproġettat: Differenza bejn l-emissjonijiet tal-AEA u l-emissjonijiet totali tal-ESR fix-xenarju tad-WAM ([7])	H	mhux applikabbli	$ktCO_2e$	AR 5					
Progress ipproġettat: Differenza bejn l-emissjonijiet tal-AEA u l-emissjonijiet totali tal-ESR fix-xenarju tad-WOM ([8])	I	mhux applikabbli	$ktCO_2e$	AR 5					

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = Obbligatorju; Miav = obbligatorju jekk disponibbli; t = l-ewwel sena futura li tintemm b'0 jew 5 eżatt wara s-sena ta' rapportar.

Noti:

([1]) Informazzjoni li skontha għandhom jiġu rrapportati l-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. *Data* tal-inventarju ta' gassijiet serra: il-Potenzjal ta' Tisħin Globali li japplika għall-inventarji ta' gassijiet serra fl-istess sena. AR 5 = il-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali mill-ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC.

([2]) Allokazzjoni annwali tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26), aġġustat f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, jew kwalunkwe mira annwali sussegwenti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'dan ir-rigward.

([3]) L-emissjonijiet totali finali ta' gassijiet serra kif sottomessi mill-Istati Membri fl-informazzjoni finali tagħhom dwar l-inventarju ta' gassijiet serra tal-istess sena ta' rapportar skont il-formula kif stipulata fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208.

([4]) Id-*data* finali mis-sottomissjonijiet tal-Istati Membri fl-istess sena ta' rapportar skont l-Anness XXV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208 għar-rapportar skont l-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1999

([5]) Ikkalkolata awtomatikament bħala F = A-B

([6]) Ikkalkulata awtomatikament bħala G = A-C

([7]) Ikkalkolata awtomatikament bħala H = A-D u biss jekk l-informazzjoni tkun disponibbli fir-ringiela b'ID D, inkella imla bil-kjavi tan-notazzjoni NA – mhux applikabbli.

([8]) Ikkalkolata awtomatikament bħala I = A-E u biss jekk l-informazzjoni tkun disponibbli fir-ringiela bl-ID E, inkella imla bil-kjavi tan-notazzjoni NA – mhux applikabbli.

([9]) X-3 ma għandhiex tapplika għall-ewwel rapporti ta' progress fl-2023.

Tabella 3

Progress attwali u dak ipproġettat lejn l-impenji skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) kif irrapportat skont l-Artikolu 26(3) u l-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1999

Element ta' rapportar	ID	Speċifikazzjoni	Deskrizzjoni	Unità	GWP ([1])	Sena				
						X-3 ([5])	X-2	t	t+5	t+10
Użu tal-Art, Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija ([2])	A	M		$ktCO_2e$	AR 5					
Użu tal-Art, Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija fix-xenarju WEM ([3])	B	M		$ktCO_2e$	AR 5					
Użu tal-Art, Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija fix-xenarju WAM ([3])	C	M_{iav}		$ktCO_2e$	AR 5					
Impenn tal-LULUCF iddikjarat fl-NECP attwali ([4])	D	M_{iap}								

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar, t tfisser l-ewwel sena futura li tintemm b'0 jew b'5 eżatt wara s-sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; M_{iav} = obbligatorju jekk disponibbli.
Noti:

([1]) Informazzjoni li skontha għandhom jiġu rrapportati l-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. *Data* tal-inventarju ta' gassijiet serra: il-Potenzjal ta' Tisħin Globali li japplika għall-inventarji ta' gassijiet serra fl-istess sena. AR 5 = il-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali mill-ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC.

([2]) L-emissjonijiet totali finali ta' gassijiet serra kif sottomessi mill-Istati Membri fl-informazzjoni finali tagħhom dwar l-inventarju ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) 2018/1999 fl-istess sena ta' rapportar u rrapportati f'konformità mal-linji gwida dwar l-inventarju ta' gassijiet serra (ara l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1208).

([3]) Id-*data* finali mis-sottomissjonijiet tal-Istati Membri fl-istess sena ta' rapportar skont l-Anness XXV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1208 għar-rapportar skont l-Artikolu 18(1), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

([4]) L-impenn nazzjonali individwali tal-LULUCF kif iddikjarat fil-pjan nazzjonali integrat attwali għall-enerġija u l-klima. L-Istati Membri għandhom jipprovdu deskrizzjoni testwali fil-kolonna "Deskrizzjoni". L-Istati Membri għandhom jipprovdu *data* numerika fil-kolonni taħt "Sena" u jindikaw l-Unità u l-GWP użati fil-kolonni rispettivi.

([5]) X-3 ma għandhiex tapplika għall-ewwel rapporti ta' progress fl-2023.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

Tabella 4

Progress attwali u dak ipproġettat lejn miri u objettivi nazzjonali oħrajn relatati mal-gassijiet serra stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima, inklużi miri settorjali f'konformità mal-Artikolu 4(a), il-punt (1)(iii) tar-Regolament (UE) 2018/1999

Mira/objettiv nazzjonali (1)	Speċifikazzjoni	Element ta' Rapportar	Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Settur(i) indirizzat(i)	Deskrizzjoni (2)	Unità (3)	GWP użat (4)	Sena				
								X-3 (5)	X-2	t	t+5	t+10
Mira/objettiv nazzjonali #1 (1)	M_{iap}	Mira/objettiv										
		Progress attwali										
		Progress previst fix-xenarju tad-WEM										
		Progress previst fix-xenarju tad-WAM										
Mira/objettiv nazzjonali #2 (1)	M_{iap}	Mira/objettiv										
		Progress attwali										
		Progress previst fix-xenarju tad-WEM										
		Progress previst fix-xenarju tad-WAM										
Żid aktar ringieli jekk ikun meħtieġ għal kwalunkwe mira/objettiv nazzjonali oħra/ieħor	M_{iap}	Mira/objettiv										
		Progress attwali										
		Progress previst fix-xenarju tad-WEM										
		Progress previst fix-xenarju tad-WAM										

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; t = l-ewwel sena futura li tintemm b'0 jew 5 eżatt wara s-sena ta' rapportar.
Noti:
(1) L-Istati Membri għandhom iżidu aktar ringieli f'każ li japplikaw miri/objettivi nazzjonali oħrajn.
(2) Għandha tiġi pprovduta deskrizzjoni testwali għal kjarifika u f'każ li l-miri/l-objettivi u l-progress lejn dawn ma jkunux jistgħu jiġu espressi bl-użu tal-kolonni kwantitattivi.
(3) Unità komparabbli mal-unità tad-*data* tal-progress proġettata.
(4) Informazzjoni li skontha ġew ikkalkolati l-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. AR 4 = il-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali mir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC; AR 5 = il-valuri tal-Potenzjal ta' Tisħin Globali mill-ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC.
(5) X-3 ma għandhiex tapplika għall-ewwel rapporti ta' progress fl-2023.

ANNESS II

DEKARBONIZZAZZJONI: ENERĠIJA RINNOVABBLI

Tabella 1

Ishma settorjali (elettriku, tisħin u tkessiħ, u trasport) u dawk globali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli [1]

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3	X-2
Konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli	M	ktoe		
Konsum finali gross tal-enerġija bl-aġġustament tal-avjazzjoni	M	ktoe		
Sehem globali ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli	M	%		
Ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli (bin-normalizzazzjoni)	M	GWh		
Konsum Gross Totali tal-Elettriku	M	GWh		
Sehem tal-ġenerazzjoni tal-RES-E	M	%		
Numeratur RES-T bil-multiplikaturi	M	ktoe		
Denominatur RES-T bil-multiplikaturi	M	ktoe		
Sehem tal-konsum tal-RES-T	M	%		
Numeratur tal-RES-H&C	M	ktoe		
Denominatur tal-RES-H&C	M	ktoe		
Li minnu s-sħana u l-kesħa mormija utilizzati permezz ta' networks ta' tisħin/tkessiħ distrettwali	M [2]	ktoe		
Sehem tal-RES-H&C	M	%		
Sehem tal-RES-H&C bis-sħana u bil-kesħa mormija	M	%		
Enerġija minn sorsi rinnovabbli u mis-sħana u mill-kesħa mormija użati fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali	M [2]	ktoe		
Enerġija mis-sorsi kollha użati għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali	M [2]	ktoe		
Sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u mis-sħana u mill-kesħa mormija fit-tisħin u fit-tkessiħ distrettwali	M [2]	%		
Trasferimenti statistiċi/Proġetti konġunti/skemi ta' appoġġ konġunt – ammont totali li għandu jiżdied	M [2]	Ktoe		

Trasferimenti statistiċi/Proġetti konġunti/skemi ta' appoġġ konġunt – ammont totali li għandu jitnaqqas	M	ktoe		
Produzzjoni indiġena tal-idroġenu rinnovabbli	V	ktoe		
Produzzjoni indiġena tal-bijogass	V	ktoe		
F'każ li wieħed jew aktar mill-ishma tal-RES f'X-3 jew X-2 ikunu waqgħu taħt it-trajettorja nazzjonali kif irrapportata fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima, jew is-sehem tal-linja bażi tal-2020, spjega r-raġunijiet għal dan l-iżvilupp u informazzjoni dwar miżuri addizzjonali li huma ppjanati sabiex ikopru d-diskrepanza meta mqabbla mal-punt ta' referenza nazzjonali.	M_{iap}			
Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar jekk l-Istat Membru għandux l-intenzjoni li juża s-sħana mormija u l-kesħa mormija għall-finijiet li jissodisfa l-mira H&C (l-Artikolu 23) u l-miri DH&C (l-Artikolu 24) tal-REDII (skont l-Artikolu 23(1) tal-REDII) u kif xieraq jekk l-Istat Membru jippjanax li japplika l-mira 1.1 ppt (sorsi ta' enerġija rinnovabbli puri) jew 1.3 (sorsi ta' enerġija rinnovabbli + sħana/kesħa mormija).	M_{iap}			
F'każ li ż-żieda annwali medja tkun aktar baxxa mill-mira H&C fl-Artikolu 23 tal-REDII, jekk jogħġbok iddikjara l-livell miksub u aġħti r-raġunijiet, inkluża l-għażla tal-miżuri (skont it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 23(2) tal-REDII)	M_{iap}			

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju.

(1) Id-dispożizzjonijiet kollha tal-kalkolu stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 huma applikati għan-numeratur totali u għad-denominatur totali.

(2) Dawn il-valuri għandhom jiġu rrapportati mis-sena 2021.

Tabella 2

Kapaċità installata totali minn kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli ([1])

Teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3	X-2
Idro	M	MW		
Li minnha idroenerġija pura mingħajr ippompjar	M	MW		
Li minnha idroenerġija mħallta	M	MW		
Li minnha idroenerġija ppompjata	M	MW		
Ġeotermali	M	MW		
Solari	M	MW		
Li minnha fotovoltajka	M	MW		
Li minnha fotovoltajka < 30 kW	M ([5])	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M ([5])	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M ([5])	MW		
Li minnha fotovoltajka 30 kW -1 000 kW	M ([5])	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M ([5])	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M ([5])	MW		
Li minnha fotovoltajka ≥ 1 MW	M ([5])	MW		
Li minnha ta' fuq il-bejt	M ([5])	MW		
Li minnha mhux kollegata mal-grilja	M ([5])	MW		
Li minnha konċentrazzjoni tal-enerġija solari	M	MW		
Marea, mewġ, oċean	M	MW		
Riħ	M	MW		
Li minnha fuq l-art	M	MW		
Li minnha tal-baħar	M	MW		

Bijomassa ([2]) ([3])	M	MW		
Li minnha fjuwils solidi tal-bijomassa ([4])	M	MW		
Li minnha bijolikwidi	M	MW		
Li minnha fjuwils gassużi tal-bijomassa ([4])	M	MW		
Superfiċe tal-kolletturi solari	M	1 000 m^2		
Kapaċità tal-impjanti tal-bijofjuwils likwidi	M	1 000 tunnellata		
Li minnha bijogażolina	M	1 000 tunnellata		
Li minnha bijodiżil	M	1 000 tunnellata		
([1]) L-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet totali fil-fjuwils kollha inklużi fil-bilanċi tal-enerġija.

([2]) Għas-sena X-1, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-elementi ta' rapportar li għalihom hija disponibbli tali valutazzjoni.

([3]) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-valur tal-mira u tas-sena rilevanti meta għandha tintlaħaq il-mira, fejn ikunu preżenti miri kwantifikati assoċjati mal-metriċi.

([4]) L-Istati Membri għandhom jipprovdu aktar informazzjoni metodoloġika dwar l-indikatur.

([5]) Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi biss (Mhux membri tal-UE).

([6]) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw *data* mill-aktar valutazzjoni tal-adegwatezza reċenti magħmula għas-sena rilevanti. Pereżempju, għandhom jirrapportaw l-LOLE għas-sena X-1 kif stmat jew fis-sena X-1, X-2 jew qabel. Is-sena li fiha tkun twettqet il-valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi għandha tiġi rrapportata taħt *Noti metodoloġiċi*. Ara wkoll in-nota (5).

([7]) Għandu jiġi kkalkolat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/941 tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tħejjija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 1) u tar-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54). Il-metodoloġija speċifika hija stabbilita mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, fl-Anness I tad-deċiżjoni tagħha dwar il-Metodoloġija għall-kalkolu tal-valur tat-tagħbija mitlufa, il-kost ta' dħul ġdid, u l-istandard tal-affidabbiltà.

([8]) Għandu jiġi kkalkolat f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness II, ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1). Ir-regola N-1 tikkalkula l-kapaċità teknika tal-infrastruttura li jifdal f'każ ta' tfixkil tal-akbar element uniku tal-infrastruttura tal-gass, filwaqt li tistma jekk dan jistax jissodisfa l-ħtiġijiet tal-gass daqs ġurnata ta' domanda eċċezzjonalment għolja li sseħħ bi probabbiltà ta' darba f'20 sena.

Tabella 3

Progress lejn l-implimentazzjoni ta' objettivi u miri nazzjonali mhux kwantifikabbli

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Indikatur(i) Stadju/i importanti	Sena fil-mira	Deskrizzjoni tal-indikatur/ tal-istadju importanti (1)	Progress lejn il-mira/l-objettiv (2)	Dettalji dwar l-istrateġija ta' monitoraġġ (3)	Referenza għall-valutazzjonijiet u r-rapporti tekniċi ta' sostenn
M	M	M_{iap}	M	M	V	V
Mira/objettiv nazzjonali 1						
Mira/objettiv nazzjonali 2						
Mira/objettiv nazzjonali 3						
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ						

Noti:
M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju
(1) L-Istati Membri għandhom jipprovdu dettalji dwar l-indikaturi/l-istadju importanti u għaliex dan intgħażel biex jippreżenta l-progress bl-objettiv.
(2) L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni kwalitattiva biex jiġbru fil-qosor l-istatus attwali tal-indikatur (pereżempju jekk ikunx fit-triq it-tajba, diġà miksub, mitluf, imdewwem, eċċ.).
(3) Dettalji dwar kif jiġi mmonitorjat l-indikatur, pereżempju permezz ta' sett ta' indikaturi, permezz ta' rieżami espert, permezz ta' bord, permezz ta' metodoloġija speċifika u oħrajn.

ANNESS VI

SUQ INTERN TAL-ENERĠIJA

Tabella 1

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-interkonnettività tal-elettriku

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Unità	Sena		Valur fil-mira fl-2030
		X-3	X-2	
		M	M	M_{iap}
Kapaċità nominali ta' trażmissjoni għall-kapaċità ta' ġenerazzjoni installata	%			
Kapaċità nominali ta' trażmissjoni sal-ogħla tagħbija	%			
Kapaċità nominali ta' trażmissjoni sal-kapaċità ta' ġenerazzjoni rinnovabbli installata	%			
Differenzi fil-prezz kbar ħafna medji jew assoluti fis-siegħa għal swieq ta' ġurnata bil-quddiem (separatament għal kull fruntiera intra-UE) [1]	EUR/MWh			
Fruntiera 1	EUR/MWh			
Fruntiera 2	EUR/MWh			
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ	EUR/MWh			

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

[1] Jistgħu jintużaw id-differenzi fil-prezz kbar ħafna tas-swieq ta' ġurnata bil-quddiem ikkalkolati u ppubblikati mill-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) fir-Rapport annwali ta' Monitoraġġ tas-Suq.

Tabella 2

Informazzjoni dwar il-Proġetti ta' trażmissjoni ta' Interess Komuni

Jekk jogħġbok irrapporta kwalunkwe żvilupp importanti fuq il-proġetti tal-PCI meta mqabbla mal-aħħar Rapport ta' Monitoraġġ tal-PCI li jista' jkollu impatt fuq l-objettivi u l-miri stabbiliti fil-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima.	M	

Notazzjoni: M = obbligatorju

Tabella 3

Informazzjoni dwar proġetti infrastrutturali ewlenin oħrajn

Deskrizzjoni tal-proġett									Implimentazzjoni tal-proġetti				
Isem il-proġett (1)	ID tat-TYNDP	Vettur tal-enerġija (2)	Tip ta' proġett (3)	Deskrizzjoni tal-proġett	Sena ppjanata għall-ikkummissjonar	Kapaċità ta' trażmissjoni (MW għall-elettriku GWh/d għall-gass naturali, għall-idroġenu u għal gassijiet/likwidi oħrajn)	Deskrizzjoni ta' kif il-proġett se jikkontribwixxi għall-ilhuq tal-livelli ppjanati rrapportati skont l-Artikolu 23(1)(a) (2)	Deskrizzjoni ta' kif il-proġett se jikkontribwixxi għad-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija	Status tal-proġett	Deskrizzjoni tal-progress	Dewmien fl-implimentazzjoni (snin)	Skedar mill-ġdid (snin)	Raġuni għad-dewmien fl-implimentazzjoni jew għall-iskedar mill-ġdid tal-pjan tal-proġett
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Proġett 1													
Proġett 2													
Żid aktar ringieli, jekk ikun meħtieġ													

Noti:

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

(1) F'din it-tabella, l-Istati Membri għandhom jinkludu wkoll proġetti tal-PCI minbarra proġetti ta' trażmissjoni transfruntiera, jekk jikkontribwixxu indirettament biex tiżdied l-interkonnettività transfruntiera. Il-kontribut għal interkonnettività transfruntiera miżjuda għandu jiġi spjegat fit-tabella.

(2) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu mill-vetturi tal-enerġija li ġejjin (jista' jiżdied u jiġi speċifikat vettur tal-enerġija addizzjonali taħt "Oħrajn"): Elettriku; Gass naturali; Idroġenu; Oħrajn.

(3) L-Istati Membri għandhom jipprovdu kategoriji ġenerali ta' infrastruttura (pereżempju terminal tal-LNG; faċilità ta' ħżin; interkonnettur ta' pajjiż terz).

Tabella 4

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, inkluż fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Vettur tal-enerġija (1)	Element(i) tal-flessibbiltà tas-sistema indirizzata (2)	Mira (3)	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-Progress (jekk applikabbli) (4)			
							Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress (5)	Unità	X-3	X-2
M	M_{iap}	M	M	M	M	M	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1										
Mira/objettiv nazzjonali 2										
Mira/objettiv nazzjonali 3										
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ										

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin: elettriku; gass naturali; idroġenu.

(2) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jintgħażlu aktar minn għażla waħda, jistgħu jiżdiedu għażliet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn"): l-integrazzjoni tas-suq u l-akkoppjament li għandhom l-għan li jżidu l-kapaċità kummerċjabbli u l-użu effiċjenti tal-interkonnetturi; kejl/grilji intelliġenti; aggregazzjoni; rispons tad-domanda; ħżin; ġenerazzjoni distribwita; mekkaniżmi għad-dispaċċ, għar-ridispaċċ u għat-tnaqqis; sinjali tal-prezz f'ħin reali; oħrajn.

(3) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

(4) Jekk il-mira/l-objettiv tkun/ikun kwantifikabbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-progress, bl-aħħar informazzjoni disponibbli. L-indikaturi għar-rapportar għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-objettivi jew tal-miri nazzjonali.

(5) L-Istati Membri għandhom jirreferu għal sena u valur bażi, kif xieraq, jekk dan jgħin biex jintwera l-progress.

Tabella 5

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja fis-swieq tal-enerġija

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Vettur tal-enerġija (1)	Element(i) ta' parteċipazzjoni mhux diskriminatorja indirizzat(i) (2)	Mira (3)	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv (4)
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1						
Mira/objettiv nazzjonali 2						
Mira/objettiv nazzjonali 3						
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ						

Noti:

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin: elettriku; gass naturali; idroġenu.

(2) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jintgħażlu aktar minn għażla waħda, jistgħu jiżdiedu għażliet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn"): enerġija rinnovabbli; rispons tad-domanda; ħżin; oħrajn.

(3) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

(4) Meta jiddeskrivu l-progress, l-Istati Membri għandhom jagħtu dettalji dwar il-progress fuq il-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja, filwaqt li jqisu l-elementi li ġejjin, kif rilevanti. Din il-lista ma hijiex eżawrjenti u tista' tiġi kkomplementata mill-Istati Membri:

Fir-rigward tas-swieq: elementi bħas-swieq tal-ibbilanċjar, is-swieq tal-kapaċità (fejn applikabbli), is-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, is-swieq bl-imnut.
Fir-rigward tat-teknoloġiji: elementi bħar-rispons tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija, l-aggregazzjoni, il-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini/il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, il-prosumaturi.
Fir-rigward tal-parteċipazzjoni: elementi bħall-parteċipazzjoni fis-suq, id-disponibbiltà tat-tariffi (inkluż għall-punti tal-irriċarġjar għall-elettromobbiltà; u l-ħżin tal-enerġija eż. il-prevenzjoni ta' ħlas doppju għall-injezzjoni u l-irtirar), id-disponibbiltà dinamika tal-kuntratt ta' prezz, il-parteċipazzjoni simultanja ta' bosta servizzi/prodotti.

Tabella 6

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni tal-konsumatur fis-sistema tal-enerġija u l-benefiċċji mill-awtoġenerazzjoni u minn teknoloġiji ġodda, inklużi l-miters intelliġenti

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Vettur tal-enerġija (1)	Element(i) tal-parteċipazzjoni tal-konsumatur indirizzat(i) (2)	Mira (3)	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-Progress (jekk applikabbli) (4)			
							Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress (5)	Unità	X-3	X-2
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1										
Mira/objettiv nazzjonali 2										
Mira/objettiv nazzjonali 3										
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ										

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin: elettriku; gass naturali; idroġenu.

(2) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jintgħażlu aktar minn għażla waħda, jistgħu jiżdiedu għażliet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn"): l-awtoġenerazzjoni; teknoloġiji ġodda (inklużi miters intelliġenti); oħrajn.

(3) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

(4) Jekk il-mira/l-objettiv tkun/ikun kwantifikabbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-progress, bl-aħħar informazzjoni disponibbli. L-indikaturi għar-rapportar għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-objettivi jew tal-miri nazzjonali.

(5) L-Istati Membri għandhom jirreferu għal sena u valur bażi, kif xieraq, jekk dan jgħin biex jintwera l-progress.

Tabella 7

Progress lejn l-objettivi nazzjonali relatati mal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Element(i) indirizzat(i) (1)	Mira (2)	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-Progress (jekk applikabbli) (3)			
						Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress (4)	Unità	X-3	X-2
M	M_{iap}	M	M	M	M	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1									
Mira/objettiv nazzjonali 2									
Mira/objettiv nazzjonali 3									
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ									

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu waħda jew aktar mill-għażliet li ġejjin: il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija – il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli; l-introduzzjoni tal-akkoppjament tas-swieq fl-istess ġurnata; l-introduzzjoni ta' swieq tal-ibbilanċjar transfruntiera; oħrajn.

(2) Tista' tkun kwantitattiva jew kwalitattiva

(3) Jekk il-mira/l-objettiv tkun/ikun kwantifikabbli, l-Istati Membri għandhom jipprovdu indikazzjoni tal-progress, bl-aħħar informazzjoni disponibbli. L-indikaturi għar-rapportar għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-objettivi jew tal-miri nazzjonali.

(4) L-Istati Membri għandhom jirreferu għal sena u valur bażi, kif xieraq, jekk dan jgħin biex jintwera l-progress.

ANNESS VII

RIĊERKA, INNOVAZZJONI U KOMPETITTIVITÀ

Tabella 1

Progress lejn l-objettivi nazzjonali li jsarrfu l-objettivi u l-politiki tal-Pjan SET f'kuntest nazzjonali

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali ([1])	Deskrizzjoni	Prijorità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija appoġġata ([2])	Teknoloġiji appoġġati tal-Enerġija nadifa/b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ([3]) ([4])	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-progress (jekk applikabbli)				Kummenti Ġenerali
					Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress	Valur tal-indikatur	Sena ta' referenza	Unità	
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	V
Mira/objettiv nazzjonali 1									
Mira/objettiv nazzjonali 2									
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ									

Noti:

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju

([1]) L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu kwalunkwe objettiv nazzjonali stabbilit fil-pajjiż, li qiegħed jappoġġa l-implimentazzjoni u t-traduzzjoni tal-Pjan SET.

([2]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu prijorità waħda jew aktar minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tal-format f'tabella.

([3]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu teknoloġija waħda jew aktar minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tal-format f'tabella.

([4]) "Teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" jinkludu t-teknoloġiji kollha koperti mill-Pjan SET.

Tabella 2

Progress lejn l-objettivi nazzjonali kwantifikabbli għall-infiq pubbliku totali u, fejn disponibbli, dak privat fir-riċerka u l-innovazzjoni relatat ma' teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kost tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni ([1])

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Unità	Speċifikazzjoni	Sena		Valur fil-mira/sena	Kummenti ġenerali
			X-3	X-2		
Nefqa pubblika fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni						
In-nefqa pubblika totali u annwali fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju	Miljuni ta' EUR	M_{iap}				
In-nefqa pubblika totali u annwali fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħala sehem perċentwali tan-nefqa pubblika ġenerali fir-riċerka u l-innovazzjoni	%	M_{iap}				
In-nefqa pubblika totali u annwali fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħala sehem perċentwali tal-PDG annwali	%	M_{iap}				
Nefqa privata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni						
In-nefqa pubblika totali u annwali fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju	Miljuni ta' EUR	V				
In-nefqa pubblika totali u annwali fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħala sehem perċentwali tan-nefqa totali privata fir-riċerka u l-innovazzjoni	%	V				
In-nefqa pubblika totali u annwali fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni f'teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħala sehem perċentwali tal-PDG annwali	%	V				
Objettivi u miri oħrajn stabbiliti fil-livell nazzjonali						
Mira/objettiv nazzjonali 1		M_{iap}				
Mira/objettiv nazzjonali 2		M_{iap}				
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ		M_{iap}				

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju

([1]) "Teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" jinkludu t-teknoloġiji kollha koperti mill-Pjan SET.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-objettivi nazzjonali għall-infiq totali pubbliku u, fejn disponibbli, dak privat, fir-riċerka u fl-innovazzjoni relatat mat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kostijiet tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni. L-Istati Membri għandhom jinkludu objettivi separati kif meħtieġ, li jkopru l-infiq pubbliku u privat, l-objettivi b'fokus teknoloġiku, l-iżvilupp tal-prestazzjoni, eċċ.

Tabella 3

Progress lejn l-objettivi nazzjonali mhux kwantifikabbli għall-infiq pubbliku totali u, fejn disponibbli, dak privat fir-riċerka u l-innovazzjoni relatat ma' teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kost tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni (1)

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Prijorità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija appoġġata (2)	Teknoloġiji appoġġati tal-Enerġija nadifa/b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (3)	Progress lejn il-mira/l-objettiv (4)	Impatti mistennija tal-objettiv stabbilit (5)
M_{iap}	M_{iap}	V	V	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1					
Mira/objettiv nazzjonali 2					
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ					

Noti:

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju

(1) "Teknoloġiji tal-enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" jinkludu t-teknoloġiji kollha koperti mill-Pjan SET.
L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-objettivi nazzjonali għall-infiq totali pubbliku u, fejn disponibbli, dak privat, fir-riċerka u fl-innovazzjoni relatat mat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kostijiet tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni. L-Istati Membri għandhom jinkludu objettivi separati kif meħtieġ, li jkopru l-infiq pubbliku u privat, l-objettivi b'fokus teknoloġiku, l-iżvilupp tal-prestazzjoni, eċċ.

(2) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu prijorità waħda jew aktar minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tal-format f'tabella.

(3) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu teknoloġija waħda jew aktar minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tal-format f'tabella.

(4) L-Istati Membri għandhom jipprovdu aġġornament dwar il-progress miksub sas-sitwazzjoni attwali. Jekk ġew stabbiliti miri, għandha tingħata ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet ewlenin u l-istadji importanti miksuba. Jekk ma ġewx stabbiliti miri, f'dan il-każ, għandu jiġi pprovdut aġġornament dwar jekk ġewx stabbiliti miri minn dak iż-żmien u deskrizzjoni tal-miri.

(5) L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-impatti mistennija tal-objettivi stabbiliti, u l-perjodu ta' żmien tagħhom.

Tabella 4

Progress lejn l-objettivi nazzjonali, inklużi l-miri fit-tul għall-2050 għall-użu tat-teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali li huma intensivi fl-enerġija u fil-karbonju u, meta jkun applikabbli, għall-infrastruttura relatata tat-trasport, tal-użu tal-ħżin tal-karbonju (1)

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-progress (jekk applikabbli)				Kummenti Ġenerali
			Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress	Valur tal-indikatur	Sena ta' referenza	Unità	
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	V
Mira/objettiv nazzjonali 1							
Mira/objettiv nazzjonali 2							

Żid aktar ringieli, kif meħtieġ							

Noti:

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju

([1]) L-Istat Membru għandu jiddeskrivi kwalunkwe pjan fit-tul għall-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur industrijali. Għandhom jiġu inklużi elementi bħall-effiċjenza enerġetika, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju, l-elettrifikazzjoni u kwalunkwe teknoloġija oħra li se tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni. Għandhom jiġu pprovduti stadji importanti, objettivi u skeda ta' żmien, kif ukoll indikazzjoni tat-teknoloġiji kkunsidrati u l-użu mistenni tagħhom.

Tabella 5

Progress lejn l-objettivi nazzjonali fir-rigward tal-kompetittività

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Progress lejn il-mira/l-objettiv	Indikatur(i) tal-progress (jekk applikabbli)				Kummenti Ġenerali
			Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress	Valur tal-indikatur	Sena ta' referenza	Unità	
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	V
Mira/objettiv nazzjonali 1							
Mira/objettiv nazzjonali 2							
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ							

Noti:

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju

(1) L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu kwalunkwe mira jew objettiv fil-qasam tal-kompetittività. Dawn jistgħu jinkludu objettivi relatati ma':

— Privattivi u pubblikazzjonijiet ta' riċerka

— Aspetti tal-katina tal-valur bħall-istadji importanti u l-miri f'oqsma ġodda tal-impjiegi, in-negozji ġodda u t-tkabbir tal-kumpaniji f'setturi speċifiċi tal-enerġija.

— Is-suq globali jew intern/domestiku, bħall-penetrazzjoni internazzjonali/nazzjonali tas-suq tat-teknoloġiji u l-volumi tan-negozju (bidla fl-importazzjonijiet u/jew fl-esportazzjonijiet) kemm fuq skala Ewropea kif ukoll fuq skala globali.

ANNESS VIII

OBJETTIVI NAZZJONALI GĦALL-ELIMINAZZJONI GRADWALI TAS-SUSSIDJI GĦALL-ENERĠIJA, B'MOD PARTIKOLARI L-FJUWILS FOSSILI

Tabella 1

Progress lejn l-objettivi nazzjonali għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari l-fjuwils fossili ([1])

Objettiv(i) nazzjonali jew pjan(ijiet) stabbilit(i) għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari l-fjuwils fossili	Deskrizzjoni	Sena fil-mira ([2])	Stadji importanti ([3])	Progress lejn il-mira/l-objettiv ([4])	Passi biex tiġi żgurata l-eliminazzjoni gradwali ma jaffettwawx l-isforzi biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku ([5])	Kummenti ġenerali
M	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	V
Objettiv/pjan nazzjonali 1						
Objettiv/pjan nazzjonali 2						
Objettiv/pjan nazzjonali 3						
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ						

Noti:

M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli; V = volontarju

([1]) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kwalunkwe objettiv għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili u kwalunkwe objettiv għall-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji oħrajn għall-enerġija. Fil-kolonna tad-deskrizzjoni, l-Istati Membri għandhom jindikaw jekk l-objettiv ġiex stabbilit fil-leġiżlazzjoni u, jekk applikabbli, għandhom jipprovdu r-referenza għal-leġiżlazzjoni rilevanti.
Jekk ma jiġi stabbilit l-ebda objettiv għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar kwalunkwe pjan biex isir impenn ta' eliminazzjoni gradwali jew jiġi stabbilit objettiv ta' eliminazzjoni gradwali. Fil-kolonna tad-deskrizzjoni l-Istati Membri għandhom jinkludu deskrizzjoni qasira ta' dawn il-pjanijiet, u jiċċaraw meta tali impenji jkunu mistennija li jsiru effettivi.

([2]) L-Istati Membri għandhom jipprovdu sena fil-mira meta għandu jintlaħaq l-objettiv.

([3]) L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw kwalunkwe stadju importanti kwantitattiv. Pereżempju, eliminazzjoni gradwali ta' 50 % sal-2024, eliminazzjoni gradwali ta' 100 % sal-2026.

([4]) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-progress miksub lejn l-ilħuq tal-objettiv u l-istadji importanti, jekk rilevanti.

([5]) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar kwalunkwe pass meħud biex jiżguraw li l-eliminazzjoni gradwali ma taffettwax l-isforzi biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku. L-Istati Membri għandhom jindikaw jekk ġewx żviluppati stimi tal-impatti ekonomiċi u impatti oħrajn tal-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili fuq unitajiet domestiċi li huma foqra fl-enerġija, liema politiki jew miżuri huma stabbiliti jew proposti biex itaffu tali impatti (pereżempju appoġġ għar-rinnovazzjonijiet enerġetiċi fid-djar u teknoloġija b'effiċjenza enerġetika għolja, bħall-pompi tas-sħana elettriċi u l-iżolament mid-dar).

ANNESS IX

PROGRESS MIKSUB GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKI U L-MIŻURI NAZZJONALI

Tabella 1

Karatteristiċi ewlenin u progress lejn l-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri

Numru tal-PaM	Numru tal-PaM fl-NECP, jekk ikun differenti	Isem il-politika jew miżura	Politika jew miżura individwali jew ragruppata	F'każ ta' politika jew miżura ragruppata, liema politiki jew miżuri individwali tkopri	Objettiv(i), mira/miri jew kontribut(i) rilevanti li l-politika jew l-miżura tikkontribwixxi għalihom (1)	Kopertura ġeografika (2)	Settur(i) affettwat(i) (3)	Objettiv (4)	Objettiv kwantifikat (5)	Deskrizzjoni qasira
M	M_{iap}	M	M	M	M	M	M	M	M_{iap}	M
PaM 1										
PaM 2										
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ										

Noti:

M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-objettivi, il-miri u l-kontributi li ġejjin fil-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u l-klima (jistgħu jintgħażlu aktar minn objettiv, mira jew kontribut wieħed):

Fid-dimensjoni tad-**Dekarbonizzazzjoni**: **Emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra** – il-mira nazzjonali vinkolanti tal-Istat Membru għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-limiti nazzjonali vinkolanti annwali skont ir-Regolament (UE) 2018/842; l-impenji tal-Istat Membru skont ir-Regolament (UE) 2018/841; Objettivi u miri oħrajn, li jinkludu miri settorjali u għanijiet ta' adattament.

Fid-dimensjoni tad-**Dekarbonizzazzjoni**: **Enerġija rinnovabbli** - Kontribut għall-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' mill-inqas 32 % enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001; Trajettorji stmati għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija finali mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiħ, u tat-trasport; Trajettorji stmati għal kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli; Trajettorji stmati dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregati bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa, skont il-materja prima u l-oriġini; Trajettorji u objettivi nazzjonali oħrajn, li jinkludu dawk li huma fit-tul jew settorjali (eż. is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-binjiet, l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, l-enerġija rkuprata mill-ħama miksub mit-trattament tal-ilma mormi).

Fid-dimensjoni tal-**Effiċjenza enerġetika** - Il-kontribut nazzjonali indikattiv għall-effiċjenza enerġetika biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni tal-effiċjenza fl-enerġija ta' mill-inqas 32,5 % fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2012/27/UE; L-ammont kumulattiv ta' ffrankar tal-enerġija fl-użu finali li jrid jinkiseb matul il-perjodu mill-2021 sal-2030 skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(1) dwar l-obbligi dwar l-iffrankar enerġetiku skont id-Direttiva 2012/27/UE; L-istadji importanti indikattivi tal-istrateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' binjiet residenzjali u mhux residenzjali; L-ispazju ta' art totali li għandu jiġi rinnovat jew l-iffrankar tal-enerġija annwali ekwivalenti li għandu jinkiseb mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar ir-rwol eżemplari tal-binjiet tal-korpi pubbliċi; Objettivi nazzjonali oħrajn, li jinkludu miri jew strateġiji fit-tul u miri settorjali, u objettivi nazzjonali f'oqsma bħall-effiċjenza enerġetika fis-settur tat-trasport u fir-rigward tat-tisħin u t-tkessiħ.

Fid-dimensjoni tas-**Sigurtà tal-enerġija** - Objettivi nazzjonali fir-rigward taż-żieda fid-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' enerġija u tal-provvista minn pajjiżi terzi, li l-għan tagħhom jista' jkun li titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjoni tal-enerġija; Objettivi nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi, sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali; Objettivi nazzjonali fir-rigward taż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija nazzjonali, b'mod partikolari billi jsir użu minn sorsi domestiċi tal-enerġija, rispons tad-domanda u ħżin tal-enerġija; Objettivi nazzjonali fir-rigward tal-indirizzar tal-provvista ristretta jew interrotta ta' sors ta' enerġija, sabiex tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija reġjonali u nazzjonali.

Fid-dimensjoni tas-**Suq intern tal-enerġija** - Il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 fid-dawl tal-mira ta' interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 ta' mill-inqas 15 %; Proġetti, u, meta jkun rilevanti, proġetti ta' modernizzazzjoni ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri skont il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija; Proġetti ta' infrastruttura ewlenin previsti minbarra l-Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs); Objettivi nazzjonali relatati ma' aspetti oħrajn tas-suq intern tal-enerġija bħaż-żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, b'mod partikolari b'rabta mal-promozzjoni ta' prezzijiet tal-elettriku ddeterminati b'mod kompetittiv f'konformità mal-liġi settorjali rilevanti, l-integrazzjoni tas-suq u l-akkoppjament tas-swieq, bl-għan li jiżdiedu l-kapaċità kummerċjabbli tal-interkonnetturi eżistenti, il-grilji intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons tad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, għar-ridispaċċ u għat-tnaqqis, u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali; Objettivi nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons tad-domanda u l-ħżin, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq tal-enerġija kollha; Objettivi nazzjonali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-miters intelliġenti; Objettivi nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku, kif ukoll għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli; Objettivi nazzjonali sabiex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija u tittejjeb il-kompetittività tas-settur tal-enerġija bl-imnut; objettivi nazzjonali fir-rigward tal-faqar enerġetiku.

Fid-dimensjoni tar-**Riċerka, innovazzjoni u kompetittività** - Objettivi nazzjonali u miri ta' finanzjament għall-pubbliku u, fejn disponibbli, għar-riċerka privata u għall-innovazzjoni relatati mal-Unjoni tal-Enerġija; Objettivi nazzjonali għall-2050 b'rabta mal-promozzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa u, fejn xieraq, objettivi nazzjonali, li jinkludu miri fit-tul (2050) għall-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż għad-dekarbonizzazzjoni tal-enerġija u setturi industrijali intensivi fil-karbonju u, fejn applikabbli, għal infrastruttura relatata tat-trasport u tal-ħżin tal-karbonju; Objettivi nazzjonali fir-rigward tal-kompetittività.

(2) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-kategoriji li ġejjin: li jkopru żewġ pajjiżi jew aktar, nazzjonali, reġjonali, lokali.

(3) L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost is-setturi li ġejjin (jista' jintgħażel aktar minn settur wieħed mill-politiki u l-miżuri transsettorjali): provvista tal-enerġija (li tinkludi l-estrazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, u l-ħżin tal-fjuwils kif ukoll it-trasformazzjoni tal-enerġija għat-tisħin u għat-tkessiħ u għall-produzzjoni tal-elettriku); konsum tal-enerġija (magħmul mill-konsum tal-fjuwils u tal-elettriku mill-utenti finali bħall-unitajiet domestiċi, l-amministrazzjoni pubblika; is-servizzi, l-industrija u l-agrikoltura); trasport; proċessi industrijali (magħmula mill-attivitajiet industrijali li jittrasformaw il-materjali kimikament jew fiżikament u li jwasslu għal emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-użu ta' gassijiet serra fil-prodotti u l-użu tal-karbonju tal-fjuwils fossili mhux għall-enerġija); agrikoltura; LULUCF; immaniġġar tal-iskart/skart; setturi oħrajn.

([4]) Objettiv tfisser "id-dikjarazzjoni inizjali tal-eżiti (inklużi r-riżultati u l-impatti) maħsuba li se jinkisbu bl-intervent". L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost l-objettivi li ġejjin (jistgħu jintgħażlu aktar minn objettiv wieħed, jistgħu jiżdiedu objettivi addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "oħrajn"):

Għall-**provvista tal-enerġija** – żieda fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tal-elettriku; żieda fl-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ; bidla għal fjuwils inqas intensivi fil-karbonju; ġenerazzjoni msaħħa b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mhux rinnovabbli (nukleari); tnaqqis tat-telf; titjib fl-effiċjenza fis-setturi tal-enerġija u tat-trasformazzjoni; qbid u ħżin tal-karbonju jew qbid u użu tal-karbonju; kontroll tal-emissjonijiet li jaħarbu mill-produzzjoni tal-enerġija; żieda fl-għadd ta' sorsi użati fil-ġenerazzjoni tal-enerġija primarja; tnaqqis tad-dipendenza mill-enerġija minn pajjiżi terzi; titjib fir-reżiljenza tal-infrastruttura tal-provvista tal-enerġija, inkluż l-iżgurar tal-provvista tal-enerġija f'każ ta' tfixkil kbir fin-network; żieda fil-kapaċità tan-network tal-enerġija li jassorbi sehem miżjud tal-ġenerazzjoni rinnovabbli; żieda fl-interkonnettività tal-elettriku; żieda fil-konverġenza tal-prezzijiet tas-swieq tal-elettriku; żieda fil-parteċipazzjoni tal-konsumatur fis-swieq tal-enerġija; żieda fil-flessibbiltà u fl-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku; riċerka u innovazzjoni fil-provvista tal-enerġija; provvista oħra tal-enerġija.

Għall-**konsum tal-enerġija** – titjib fl-effiċjenza tal-binjiet; titjib fl-effiċjenza tal-apparat elettrodomestiku; titjib fl-effiċjenza fis-settur tas-servizzi/terzjarju; titjib fl-effiċjenza fis-setturi industrijali tal-użu finali; ġestjoni/tnaqqis tad-domanda; riċerka u innovazzjoni fit-teknoloġiji, fil-proċessi u fil-materjali, li se jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija; konsum ieħor tal-enerġija.

Għat-**trasport** – titjib fl-effiċjenza tal-vetturi; bidla modali għat-trasport pubbliku jew għat-trasport mhux motorizzat; fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju; trasport bit-triq elettriku; ġestjoni/tnaqqis tad-domanda; titjib fl-imġiba; titjib fl-infrastruttura tat-trasport; tnaqqis fl-emissjonijiet mit-trasport internazzjonali bl-ajru jew marittimu; riċerka u innovazzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport; innovazzjoni fid-diġitalizzazzjoni tat-trasport; trasport ieħor.

Għall-**proċessi industrijali** – installazzjoni ta' teknoloġiji tat-tnaqqis; titjib fil-kontroll tal-emissjonijiet li jaħarbu mill-proċessi industrijali; titjib fil-kontroll tal-emissjonijiet mill-manifattura, l-emissjonijiet li jaħarbu u l-emissjonijiet tar-rimi tal-gass fluworurati; sostituzzjoni tal-gass fluworurati b'gassijiet b'valur tal-potenzjal ta' tisħin globali aktar baxx; riċerka u innovazzjoni biex l-industrija tal-UE ssir inqas intensiva fl-enerġija; proċessi industrijali oħrajn.

Għall-**immaniġġar tal-iskart/skart** – ġestjoni/tnaqqis tad-domanda; riċiklaġġ aħjar; ġbir u użu aħjar tas-CH_4; titjib fit-teknoloġiji tat-trattament; titjib fil-ġestjoni tal-landfills; inċinerazzjoni tal-iskart bl-użu tal-enerġija; titjib fis-sistemi tal-ġestjoni tal-ilma mormi; tnaqqis tar-rimi f'landfill; skart ieħor.

Għall-**agrikoltura** – tnaqqis fl-użu ta' fertilizzanti/demel fuq ir-raba'; attivitajiet oħrajn li jtejbu l-ġestjoni tar-raba'; titjib fil-ġestjoni tal-bhejjem; titjib fis-sistemi tal-immaniġġjar tal-iskart tal-annimali; attivitajiet li jtejbu l-ġestjoni tal-imrieħi jew tal-art bil-ħaxix; ġestjoni mtejba tal-ħamrija organika; agrikoltura oħra.

Għal-**LULUCF** – afforestazzjoni u riforestazzjoni; konservazzjoni tal-karbonju f'foresti eżistenti; tisħiħ tal-produzzjoni f'foresti eżistenti; żieda fir-raggruppament tal-prodotti tal-injam maħsud; ġestjoni aħjar tal-foresti; prevenzjoni tad-deforestazzjoni; tisħiħ tal-protezzjoni mid-disturbi naturali; sostituzzjoni tal-materja prima u tal-materjali intensivi fil-gassijiet serra bi prodotti tal-injam maħsud; prevenzjoni tal-ixxottar jew it-tixrib mill-ġdid tal-artijiet mistagħdra; restawr tal-artijiet degradati; LULUCF oħra.

Għal **Oħrajn —** l-Istati Membri għandhom jagħtu deskrizzjoni qasira tal-objettiv.

([5]) L-Istati Membri għandhom jinkludu, tal-inqas, iċ-ċifra/i, l-unità/unitajiet, is-sena tat-tmiem u s-sena bażi jekk l-objettiv(i) huwa/huma kkwantifikat(i). L-objettivi kwantifikati għandhom ikunu speċifiċi, li jistgħu jitkejlu, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u marbuta mal-ħin.

	Valutazzjoni tal-kontribut tal-politika jew tal-miżura biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament 2021/1119 u biex tinkiseb l-istrateġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999	Tip ta' strument tal-politika ([6])	Il-politiki tal-Unjoni li wasslu għall-implimentazzjoni tal-PaM			Status tal-implimentazzjoni ([9])	Perjodu ta' implimentazzjoni		Entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika ([10])		Indikaturi użati għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress matul iż-żmien ([11])		
			Politika tal-Unjoni ([7])	Oħrajn	Dispożizzjoni rilevanti ([8])		Bidu	Tmiem	Tip	Isem	Deskrizzjoni	Sena	Valur
M	M	M	M_{iap}			M	M	M_{iap}	M		M_{iap}		
PaM 1													
PaM 2													
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ													

Noti (ikomplu):

([6]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost dawn it-tipi ta' politika: ekonomika; fiskali; ftehimiet volontarji/negozjati; regolatorja; tal-informazzjoni; tal-edukazzjoni; tar-riċerka; tal-ippjanar; oħrajn.

([7]) Hawnhekk elenka biss il-politika/politiki tal-Unjoni li jiġu implimentati permezz tal-politika nazzjonali jew meta l-politiki nazzjonali jkunu mmirati direttament biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jagħżlu politika/politiki minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tal-format f'tabella, jew jagħżlu "oħrajn" u jispeċifikaw l-isem tal-politika tal-Unjoni.

([8]) L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' politiki u miżuri li jikkontribwixxu għad-dimensjonijiet tad-**Dekarbonizzazzjoni: Enerġija rinnovabbli** u **Effiċjenza enerġetika**. L-Istati Membri għandhom jagħżlu dispożizzjoni rilevanti minn lista pprovduta fil-verżjoni elettronika tal-format f'tabella, jew jagħżlu "oħrajn" u jispeċifikaw l-isem tad-dispożizzjoni.

([9]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-kategoriji li ġejjin: ippjanata; adottata; implimentata; skaduta.

([10]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost l-għażliet li ġejjin u jdaħħlu l-isem/ismijiet tal-entitajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politika jew tal-miżura (tista' tintgħażel aktar minn entità waħda): il-gvern nazzjonali; entitajiet reġjonali; il-gvern lokali; kumpaniji/negozji/assoċjazzjonijiet industrijali; istituzzjonijiet tar-riċerka; oħrajn mhux elenkati.

([11]) L-Istati Membri għandhom jipprovdu kull indikatur (inkluża l-unità) u l-valuri għal tali indikaturi li se jintużaw (*ex ante*) għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki u l-miżuri. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sena jew is-snin li għalihom japplika l-valur. Jistgħu jiġu rrapportati valuri għal indikaturi u snin multipli. L-indikaturi tal-prestazzjoni identifikati mill-Istati Membri għandhom ikunu rilevanti, aċċettabbli, kredibbli, faċli u robusti.

Aġġornament mill-aħħar sottomissjoni ([12])	Spjegazzjonijiet tal-aġġornament jew tar-rabta ma' dokument addizzjonali	Progress fl-isfond tal-objettiv ta' politika ([13])	Progress fl-isfond ta' indikaturi tal-politika ([14])				Referenza għall-valutazzjonijiet u r-rapporti tekniċi ta' sostenn	Kummenti Ġenerali
			Indikatur	Valur	Sena	Unità		
M	M_{iap}	M	M_{iap}				M	M

Noti (ikomplu):

([12]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jiżdiedu u jiġu speċifikati għażliet addizzjonali taħt "Oħrajn"): Adozzjoni ta' miżura ġdida, konklużjoni ta' ftehim, pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni; Bidu/infurzar ta' miżura/programm; Tneħħija/terminazzjoni/tlestija tal-miżura; Emendi, implimentazzjoni jew bidliet fid-disinn u estensjoni ta' miżura kontinwa; Monitoraġġ tal-informazzjoni, aġġornament dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-progress jew tal-impatt; Kontinwazzjoni tal-miżuri eżistenti/l-ebda aġġornament sinifikanti; Abbozzi, avviżi, impenji, miżuri ppjanati, diskussjonijiet għal miżura ġdida; Oħrajn.

([13]) L-Istati Membri għandhom jipprovdu deskrizzjoni kwalitattiva tal-progress miksub fl-isfond ta' objettiv ta' politika.

([14]) L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-indikatur(i) (inkluża l-unità) u l-valuri għal tali indikaturi li ntużaw (*ex post*) għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-progress tal-politiki u l-miżuri. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw is-sena jew is-snin li għalihom japplika l-valur. Jistgħu jiġu rrapportati valuri għal indikaturi u snin multipli. L-indikaturi tal-prestazzjoni identifikati mill-Istati Membri għandhom ikunu rilevanti, aċċettabbli, kredibbli, faċli u robusti.

Rapportar speċifiku għad-dimensjoni			
Vettur(i) affettwat(i) ([15])	Prijorità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija appoġġata ([16])	Teknoloġiji appoġġati tal-Enerġija nadifa/b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ([17])	Setturi appoġġati ([18])
M_{iap}	M	M	M_{iap}

Noti (ikomplu):

([6]) F'każ li ma jkun hemm l-ebda impatt kwantifikat disponibbli, valutazzjoni kwalitattiva hija obbligatorja (M). Jekk l-impatti jiġu kkwantifikati, il-valutazzjoni kwalitattiva tkun volontarja (V).

([7]) Id-deskrizzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-metodoloġija, bħall-mudelli użati, il-linja bażi magħha jitqabblu l-impatti u d-*data* sottostanti.

ANNESS XV:

OBJETTIVI NAZZJONALI GĦALL-ELIMINAZZJONI GRADWALI TAS-SUSSIDJI GĦALL-ENERĠIJA, B'MOD PARTIKOLARI GĦALL-FJUWILS FOSSILI

Tabella 1

Politiki u miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija, b'mod partikolari għall-fjuwils fossili

Sussidju għall-fjuwils fossili jew għal ohrajn ([1])	Isem tal-politika (Ingliż)	Isem tal-politika (Lingwa lokali)	Settur ([2])	Għan ([3])	Vettur ([4])	Kategorija ([5])	Perjodu ta' implimentazzjoni		Volumi ta' sussidju		
							Bidu ([6])	Tmiem ([7])	X-3 ([8])	X-2 ([8])	Munita ([9])
M	M	M	M	M	M	M	M	M	M_{iav}	M	M
Sussidju 1											
Sussidju 2											
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ											

Notazzjoni: X = Sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iav} = obbligatorju jekk disponibbli

Noti:

([1]) L-Istat Membru għandu jagħżel mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jiżdiedu u jiġu speċifikati għażliet addizzjonali taħt "Oħrajn"): **Fjuwil fossili**; **Oħrajn** (inklużi s-sussidji għall-elettriku, għall-enerġija nukleari, għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u għall-effiċjenza enerġetika). Fil-każ ta' sussidji għall-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' fjuwils fossili, dawn għandhom jiġu inklużi taħt il-kategorija tal-fjuwils fossili.

([2]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin: **Settur tal-enerġija** (jekk possibbli, agħżel mis-sottosetturi li ġejjin: ENER-Estrazzjoni tal-fjuwils fossili; ENER-Għelejjel tal-enerġija; ENER-Konverżjoni; ENER-Konverżjoni-Raffinar; ENER-Konverżjoni-LNG; ENER-Konverżjoni-CHP; ENER-Konverżjoni-Produzzjoni tal-Elettriku; ENER-Konverżjoni-Tisħin u Tkessiħ; ENER-Konverżjoni-Bijofjuwils likwidi; ENER-Konverżjoni-Produzzjoni tal-bijogass; ENER-Konverżjoni-Produzzjoni tal-idroġenu; ENER-Infrastruttura; ENER-Infra-Trażmissjoni; ENER-Infra-Distribuzzjoni; ENER-Infra-T&D; ENER-Infra-Ħżin; ENER-Dekummissjonar tal-assi; ENER-Immaniġġar tal-iskart; ENER-Bejgħ bl-imnut); **Agrikoltura** (jekk possibbli, agħżel mis-sottosetturi li ġejjin: AGRI-Għelejjel, produzzjoni tal-annimali, kaċċa; AGRI-Forestrija u qtugħ tas-siġar; AGRI-Sajd u akkwakultura); **Kostruzzjoni; Estrazzjoni minerarja; Industrija** (jekk possibbli, agħżel mis-sottosetturi li ġejjin: INDU-Industrija intensiva fl-enerġija (setturi industrijali li huma koperti mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet); INDU-Industrija mhux intensiva fl-enerġija); **Trasport** (TRANS-Trasport bl-ajru; TRANS-Trasport bil-ferrovija; TRANS-Trasport bit-triq; TRANS-Trasport bl-ilma; TRANS-Trasport pubbliku); **Servizzi (settur terzjarju); Unitajiet domestiċi** (jekk possibbli, agħżel mis-sottosetturi li ġejjin: Unitajiet domestiċi; ĦH-Introjtu baxx); **Pubbliku; Transsettorjali** (bosta setturi)**; Setturi ekonomiċi.**

([3]) L-Istat Membru għandu jagħżel mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jiżdiedu u jiġu speċifikati għażliet addizzjonali taħt "Oħrajn"): Appoġġ għad-domanda għall-enerġija; Appoġġ għall-effiċjenza enerġetika; Appoġġ għar-ristrutturar tal-industrija; Appoġġ għall-infrastruttura; Appoġġ għall-produzzjoni; Oħrajn.

([4]) L-Istat Membru għandu jagħżel waħda jew aktar mill-għażliet li ġejjin: **Fjuwils fossili** (jekk possibbli, agħżel mis-sottotrasportaturi li ġejjin: FF-Il-fjuwils fossili kollha; FF-Diversi fjuwils fossili; FF-Faħam/Linjite; FF-Gass naturali; FF-Gass tal-minjieri; FF-Gass tax-shale; FF-Żejt grezz u NGL; FF-Żejt u Gass; FF-Prodotti tal-petroleum; FF-PP-Żejt tal-gass; FF-PP-Żejt tal-gass imħallat; FF-PP-Petrol; FF-PP-Petrol taċ-Ċomb; FF-PP-Petrol mhux taċ-Ċomb; FF-PP-Petrol imħallat; FF-PP-LPG; FF-PP-Pitrolju; FF-PP-Fjuwils tal-baħar ibbażati fuq il-fjuwils fossili; FF-PP-Żejt fjuwil tqil (HFO); FF-Pit; **L-enerġiji kollha; Sħana; Elettriku; Nukleari; Bijoenerġija** (jekk possibbli, agħżel mis-sottotrasportaturi li ġejjin: RES-Bijogass; RES-Bijomassa u bijogass; RES-Bijomassa (solida); RES-Bijomassa MSW; RES-Bijofjuwils likwidi; RES-Bijofjuwils likwidi-Bijodiżil; RES-Bijofjuwils likwidi-Bijoetanol)**; RES** (jekk possibbli, agħżel mis-sottotrasportaturi li ġejjin: RES-Kollha; RES-Diversi; RES-Ġeotermali; RES-Sħana; RES-Idro; RES-Enerġija tal-baħar; RES-Solari; RES-Riħ; RES-Riħ fuq il-baħar; RES-Riħ fuq l-art)**; Idroġenu** (jekk possibbli, agħżel mis-sottotrasportaturi li ġejjin: FF-Il-fjuwils fossili kollha; RES-Bijogass).

(5) L-Istat Membru għandu jagħżel mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jiżdiedu u jiġu speċifikati għażliet addizzjonali taħt "Oħrajn"): **Trasferimenti diretti** (jekk possibbli, agħżel mis-sottokategoriji li ġejjin: Self b'rata baxxa; Għotjiet; Oħrajn)**; Infiq fuq it-taxxa** (Tnaqqis fit-taxxa; Eżenzjoni mit-taxxa; Rifużjoni tat-taxxa; Krediti tat-taxxa; Allowance tat-taxxa; Oħrajn)**; Sottovalutazzjoni ta' oġġetti/servizzi** (jekk possibbli, agħżel mis-sottokategoriji li ġejjin: Sottovalutazzjoni tar-riżorsi tal-gvern jew tal-art; Sottovalutazzjoni tal-infrastruttura tal-gvern; Sottovalutazzjoni ta' oġġetti jew servizzi oħrajn ipprovduti mill-gvern); **Appoġġ għall-introjtu jew għall-prezz** (jekk possibbli, agħżel mis-sottokategoriji li ġejjin: Pagamenti tal-kapaċità (mekkaniżmi tal-kapaċità tal-elettriku); Mandat għat-taħlit tal-bijofjuwils; Kwoti tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'ċertifikati kummerċjabbli; Imposti differenzjati għall-konnessjoni mal-grilja; Obbligi tal-effiċjenza enerġetika; Skemi ta' tagħbija mingħajr interruzzjoni; Kuntratt għad-Differenza (CfD); Primjums ta' injezzjoni; Tariffi ta' injezzjoni; Garanziji tal-prezzijiet għall-konsumatur (appoġġ għall-kostijiet); Garanziji tal-prezzijiet għall-konsumatur (regolamentazzjoni tal-prezzijiet); Garanziji tal-prezzijiet għall-produttur (regolamentazzjoni tal-prezzijiet); Oħrajn

(6) Is-sena meta ġie implimentat għall-ewwel darba s-sussidju għall-politika abilitanti.

(7) Sena meta tintemm il-politika abilitanti (ma tibqax fis-seħħ jew implimentata), f'liema żmien is-sussidji ma jistgħux jibqgħu jitħallsu.

(8) Volumi ta' sussidji mħallsa f'valuri nominali tal-munita.

(9) L-Istat Membru għandu jagħżel mill-għażliet li ġejjin (tista' tintgħażel għażla waħda): EUR; BGN; HRK; CZK; DKK; HUF; PLN; RON; SEK.

ANNESS XVI

OBBLIGI TA' RAPPORTAR ADDIZZJONALI FIL-QASAM TAL-ENERĠIJA RINNOVABBLI

Tabella 1

Funzjonament tas-sistema ta' garanziji tal-oriġini għall-elettriku, għall-gass u għat-tisħin u għat-tkessiħ mis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3	X-2
Elettriku				
Garanziji tal-oriġini – maħruġa ([1])	M_{iap}	Numru		
Garanziji tal-oriġini – ikkanċellati ([2])	M_{iap}	Numru		
Garanziji tal-oriġini - il-konsum nazzjonali annwali tal-enerġija rinnovabbli li jirriżulta ([3])	M_{iap}	GWh		
Gass				
Garanziji tal-oriġini - maħruġa	M_{iap}	Numru		
Garanziji tal-oriġini - ikkanċellati	M_{iap}	Numru		
Garanziji tal-oriġini - il-konsum nazzjonali annwali tal-enerġija rinnovabbli li jirriżulta ([4])	M_{iap}	GWh		
Tisħin/tkessiħ				
Garanziji tal-oriġini - maħruġa	M_{iap}	Numru		
Garanziji tal-oriġini - ikkanċellati	M_{iap}	Numru		
Garanziji tal-oriġini - il-konsum nazzjonali annwali tal-enerġija rinnovabbli li jirriżulta ([4])	M_{iap}	GWh		
Miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-affidabbiltà	M_{iap}	mhux applikabbli		
Miżuri meħuda għall-protezzjoni mill-frodi tas-sistema	M_{iap}	mhux applikabbli		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

([1]) L-għadd ta' garanziji tal-oriġini maħruġa għall-enerġija li tiġi prodotta minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-Istat Membru matul il-perjodu ta' rapportar, abbażi taż-żmien tal-produzzjoni tal-enerġija.

([2]) L-għadd ta' garanziji tal-oriġini minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kkanċellati għall-enerġija li tiġi kkonsmata fl-Istat Membru matul il-perjodu ta' rapportar.

([3]) Il-kwantità ta' konsum tal-enerġija li għaliha l-oriġini wriet li toriġina minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li tiġi ddeterminata bħala l-garanziji tal-oriġini kkanċellati għall-konsum tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-perjodu ta' rapportar + is-sehem rinnovabbli tat-taħlita residwa mmultiplikat bil-konsum totali tal-enerġija għall-perjodu ta' rapportar li ma huwiex kopert b'garanziji ta' kanċellazzjoni tal-oriġini.

([4]) Il-kwantità ta' konsum tal-enerġija li għaliha l-oriġini wriet li toriġina minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li tiġi ddeterminata bħala l-garanziji tal-oriġini kkanċellati għall-konsum tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-perjodu ta' rapportar + il-konsum tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' mekkaniżmi ta' traċċar affidabbli oħrajn li jevitaw għadd doppju (li jista' jinkludi "s-sehem rinnovabbli tat-taħlita residwa mmultiplikat bil-konsum totali tal-enerġija għall-perjodu ta' rapportar li ma huwiex kopert b'garanziji ta' oriġini u lanqas b'mekkaniżmi ta' traċċar affidabbli oħrajn").

Tabella 2

Bidliet fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi u fl-użu tal-art assoċjati mal-użu tal-bijomassa u forom oħrajn ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli

Jekk jogħġbok irrapporta l-bidliet fil-prezzijiet tal-prodott bażiku u fl-użu tal-art fi ħdan l-Istat Membru assoċjat maż-żieda tiegħu fl-użu ta' bijomassa u forom oħrajn ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli (1) (2)	Miap	

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

(1) Bidliet fil-prezzijiet tal-prodott bażiku li għandhom jiġu rrapportati fil-livell nazzjonali (jew sottonazzjonali jekk applikabbli). Dawn jinkludu kwalunkwe ċaqliq fil-prezzijiet relatat mal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf. (żieda fil-prezz għall-prodott tal-ikel/tal-għalf minħabba żieda fl-użu tal-enerġija tal-istess materja prima). Dawn jinkludu wkoll bidliet fil-prezzijiet relatati ma' żieda fid-domanda għall-bijomassa forestali għall-użu tal-enerġija – jiġifieri, bidliet fil-prezzijiet għall-prodotti tal-materjali magħmula mill-iskart u mir-residwi minħabba żieda fl-użu tal-enerġija u kompetizzjoni għall-materja prima.

(2) Għat-tibdil fl-użu tal-art, jekk jogħġbok irrapporta biss it-tibdil effettiv fl-art użata għall-bijomassa kkonsmata għall-enerġija, mhux l-art agrikola kollha.

Tabella 3

Produzzjoni żejda stmata tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli meta mqabbla mat-trajettorja nazzjonali lejn il-mira tal-2030

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2028	2029	2030
Produzzjoni żejda stmata li tirriżulta minn sorsi rinnovabbli domestiċi (A)	M_{iap}	ktoe									
Produzzjoni stmata li tirriżulta minn proġetti konġunti bejn l-Istati Membri jew minn proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi li jgħoddu għall-kontribut nazzjonali lejn il-mira tal-2030 (B)	M_{iap}	ktoe									
Produzzjoni stmata li tirriżulta minn skemi ta' appoġġ konġunt li jgħoddu għall-kontribut nazzjonali lejn il-mira tal-2030 (C)	M_{iap}	ktoe									
Produzzjoni żejda stmata globali (minbarra trasferimenti statistiċi futuri) (= A+B+C)	M_{iap}	ktoe									
Produzzjoni tad-defiċit stmata li tirriżulta minn sorsi rinnovabbli domestiċi (D)	M_{iap}	ktoe									

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Tabella 4

Żvilupp teknoloġiku u l-użu ta' bijofjuwils magħmula mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva 2018/2001

Jekk jogħġbok irrapporta l-iżvilupp teknoloġiku u l-użu ta' bijofjuwils f'pajjiżek magħmula minn materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva 2018/2001 (1)	M	

Noti:

M = obbligatorju

(1) L-użu jista' jiġi rrapportat fil-kapaċitajiet installati u fil-produzzjoni effettiva ta' bijofjuwils avvanzati bbażati fuq teknoloġiji differenti. Kif ukoll l-għadd ta' installazzjonijiet u t-tip ta' materja prima. L-iżvilupp jista' jelenka l-mogħdijiet teknoloġiċi differenti u jagħti deskrizzjoni qasira tal-istatus tagħhom b'mod kwalitattiv (fażi ta' żvilupp, kemm huwa qrib l-adozzjoni tas-suq, żviluppi reċenti, investimenti).

Tabella 5

Impatt stmat tal-produzzjoni jew l-użu ta' bijofjuwils, bijolikwidi u fjuwils tal-bijomassa fuq il-bijodiversità, ir-riżorsi tal-ilma, id-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma, il-ħamrija u l-kwalità tal-arja

Element ta' rapportar	Produzzjoni ta' bijofjuwils, bijolikwidi, bijomassa				Użu ta' bijofjuwils, bijolikwidi, bijomassa			
	Impatt stmat tal-produzzjoni ta' bijofjuwils, bijolikwidi, bijomassa (1)	Unità	Perjodu ta' żmien	Deskrizzjoni tal-metodi biex jiġi stmat l-impatt (1)	Impatt stmat tal-użu ta' bijofjuwils, bijolikwidi, bijomassa (1)	Unità	Perjodu ta' żmien	Deskrizzjoni tal-metodi biex jiġi stmat l-impatt (1)
	M_{iav}	M_{iav}	M_{iav}	M_{iav}	M_{iav}	M_{iav}	M_{iav}	M_{iav}
Bijodiversità								
Stokk tal-ilma (ilma ta' taħt l-art, ilma tal-wiċċ) u d-disponibbiltà tal-ilma								
Ħamrija								
Kwalità tal-arja								

Noti:

M_{iav} = obbligatorju jekk disponibbli

(1) L-impatti stmati u l-metodi użati jistgħu jiġu deskritti b'mod kwantitattiv u kwalitattiv. Jekk jiġu deskritti impatti kwantitattivi, jekk jogħġbok speċifika l-unità u l-perjodu ta' żmien li huma relatati magħhom.

Tabella 6

Każijiet osservati ta' frodi fil-katina ta' kustodja tal-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa

Jekk jogħġbok irrapporta każijiet osservati ta' frodi fil-katina ta' kustodja tal-bijofjuwils, l-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa	M_{iap}	

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Tabella 7

Sehem tal-iskart bijodegradabbli f'impjanti tal-iskart għall-enerġija użati għall-produzzjoni tal-enerġija

		Sena	
		X-3	X-2
L-impjanti tal-iskart għall-enerġija qegħdin jitħaddmu? ([1])	M_{iap}		
Jekk iva			
Sehem tal-iskart bijodegradabbli użat (%)	M_{iap}		
Metodoloġija għall-istima tas-sehem	M_{iap}		
Passi meħuda biex jittejbu u jiġu vverifikati l-istimi	M_{iap}		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli
Noti:
([1]) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin: Iva; Le.

Tabella 8

Ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana mill-enerġija rinnovabbli fil-binjiet, inkluża, fejn disponibbli, data diżaggregata dwar l-enerġija prodotta, ikkonsmata u injettata fil-grilja ([1])

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3	X-2
Konsum totali tal-enerġija finali minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-binjiet għal skopijiet ta' tisħin	M_{iav}	ktoe		
Sistemi termali solari	M_{iav}	ktoe		
Bijomassa ([2])	M_{iav}	ktoe		
Pompi tas-sħana	M_{iav}	ktoe		

Sistemi ġeotermiċi	M_{iav}	ktoe		
Sorsi rinnovabbli deċentralizzati oħrajn	M_{iav}	ktoe		
Sħana rinnovabbli totali kkonsmata fil-binjiet	M_{iav}	ktoe		
Sistemi termali solari	M_{iav}	ktoe		
Bijomassa (2)	M_{iav}	ktoe		
Pompi tas-sħana	M_{iav}	ktoe		
Sistemi ġeotermiċi	M_{iav}	ktoe		
Sorsi rinnovabbli deċentralizzati oħrajn	M_{iav}	ktoe		
Sħana rinnovabbli totali prodotta u mdaħħla fil-grilja (tisħin distrettwali)	M_{iav}	ktoe		
Sistemi termali solari	M_{iav}	ktoe		
Bijomassa (2)	M_{iav}	ktoe		
Pompi tas-sħana	M_{iav}	ktoe		
Sistemi ġeotermiċi	M_{iav}	ktoe		
Sorsi rinnovabbli deċentralizzati oħrajn	M_{iav}	ktoe		
Produzzjoni totali tal-elettriku rinnovabbli fil-binjiet	M_{iav}	ktoe		
Sistemi PV solari	M_{iav}	ktoe		
Bijomassa (2)	M_{iav}	ktoe		
Sistemi ġeotermiċi	M_{iav}	ktoe		
Sorsi rinnovabbli deċentralizzati oħrajn	M_{iav}	ktoe		
Konsum totali tal-elettriku rinnovabbli fil-binjiet	M_{iav}	ktoe		
Sistemi PV solari	M_{iav}	ktoe		
Bijomassa (2)	M_{iav}	ktoe		
Sistemi ġeotermiċi	M_{iav}	ktoe		
Sorsi rinnovabbli deċentralizzati oħrajn	M_{iav}	ktoe		
Elettriku rinnovabbli totali mdaħħal fil-grilja	M_{iav}	ktoe		
Sistemi PV solari	M_{iav}	ktoe		
Bijomassa (2)	M_{iav}	ktoe		

Sistemi ġeotermiċi	M_{iav}	ktoe		
Sorsi rinnovabbli deċentralizzati oħrajn	M_{iav}	ktoe		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; Miav = obbligatorju jekk disponibbli.

Noti:

(1) "Bini" tfisser kostruzzjoni msaqqfa li jkollha ħitan, li għaliha tintuża l-enerġija biex tiġi kkundizzjonata l-klima ta' ġewwa (id-Direttiva 2010/31/UE, l-Artikolu 2(1)) filwaqt li l-Anness I ta' dik id-Direttiva jiddefinixxi, għall-fini tal-kalkolu tar-rendiment tal-binjiet fl-użu tal-enerġija, il-klassifikazzjoni tal-kategoriji li ġejja: (a) djar ta' tipi differenti għal familja waħda; (b) blokok ta' appartamenti; (c) uffiċċji; (d) binjiet edukattivi; (e) sptarijiet; (f) lukandi u ristoranti; (g) faċilitajiet sportivi; (h) binjiet fejn jingħataw servizzi kummerċjali bl-ingrossa u bl-imnut; (i) tipi oħrajn ta' binjiet li jikkonsmaw l-enerġija (id-Direttiva 2010/31/UE, il-punt 5 tal-Anness I).

(2) Bijomassa prodotta f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijofjuwils, għall-bijolikwidi u għall-fjuwils tal-bijomassa, stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Tabella 9

L-ammont ta' bijomassa solida użata għall-produzzjoni tal-enerġija

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3	X-2
1) Settur tal-enerġija (total) (1)	M	TJ NCV		
(a) Elettriku (1)	M	TJ NCV		
(b) Sħana u enerġija kombinati (1)	M	TJ NCV		
(c) Sħana (1)	M	TJ NCV		
2) Settur tat-trasformazzjoni (ħlief għall-enerġija) (1)	M	TJ NCV		
3) Settur industrijali intern (elettriku kkonsmat u awtoprodott, CHP u tisħin) (1)	M	TJ NCV		
4) Konsum finali dirett residenzjali (1)	M	TJ NCV		
5) Oħrajn (1) (2)	M	TJ NCV		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju

Noti:

(1) L-ammonti ta' bijomassa użati fis-settur relatat, li jkopru wkoll it-telf mit-trasformazzjoni.

(2) Dan jinkludi, fost l-oħrajn, l-agrikoltura, il-forestrija u l-kummerċ, il-kummerċ u s-servizzi.

ANNESS XVII

OBBLIGI TA' RAPPORTAR ADDIZZJONALI FIL-QASAM TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

Tabella 1

Progress f'kull settur u r-raġunijiet għaliex il-konsum tal-enerġija baqa' stabbli jew kien qiegħed jikber fis-setturi tal-konsum tal-enerġija finali

Settur	Speċifikazzjoni	Raġunijiet għat-tkabbir/għall-konsum tal-enerġija finali stabbli fis-sena X-3 ([3])	Raġunijiet għat-tkabbir/għall-konsum tal-enerġija finali stabbli fis-sena X-2
Industrija	M	Agħżel oġġett(i) ([1])	Agħżel oġġett(i) ([1])
Trasport	M	Agħżel oġġett(i) ([1])	Agħżel oġġett(i) ([1])
Unitajiet domestiċi	M	Agħżel oġġett(i) ([1])	Agħżel oġġett(i) ([1])
Servizzi	M	Agħżel oġġett(i) ([1])	Agħżel oġġett(i) ([1])
Agrikoltura	M	Agħżel oġġett(i) ([1])	Agħżel oġġett(i) ([1])
Oħrajn ([2])	M_{iap}		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli.

Noti:

([1]) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu mir-raġunijiet li ġejjin (tista' tintgħażel aktar minn raġuni waħda, jistgħu jiġu speċifikati raġunijiet addizzjonali taħt "oħrajn"): Tkabbir ekonomiku; Tnaqqis fil-prezzijiet tal-fjuwil; Żieda fil-valur miżjud; Żieda fl-impjiegi; Żieda fit-trasport tal-oġġetti; Żieda fit-trasport tal-passiġġieri; Żieda fil-popolazzjoni u/jew fl-unitajiet domestiċi; Żieda fl-introjtu nett tal-unitajiet domestiċi; Deterjorament tal-kundizzjonijiet klimatiċi tax-xitwa; Deterjorament tal-kundizzjonijiet klimatiċi tas-sajf; Avveniment eċċezzjonali; Bidla fil-metodoloġija tal-kejl jew tal-kalkolu tal-konsum tal-enerġija; oħrajn.

([2]) Jistgħu jiżdiedu u jiġu speċifikati setturi addizzjonali taħt "oħrajn".

([3]) X-3 ma għandhiex tapplika għall-ewwel rapporti ta' progress fl-2023.

Tabella 2

Spazju ta' art tal-bini totali tal-binjiet bi spazju ta' art utli totali ta' aktar minn 250 m2 li jkun proprjetà tal-gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu li, fl-1 ta' Jannar fis-sena X-2 u X-1, ma ssodisfax ir-rekwiżiti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2012/27/UE

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Indikaturi 1 ta' Jannar tas-Sena X-2	Indikaturi 1 ta' Jannar tas-Sena X-1	Informazzjoni addizzjonali
Spazju ta' art tal-bini totali tal-binjiet bi spazju ta' art utli totali ta' aktar minn 250 m^2 li jkun proprjetà tal-gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu	V	m^2			
Spazju ta' art tal-bini totali tal-binjiet li ma ssodisfawx ir-rekwiżiti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija	M	m^2			

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju; V = volontarju.

Tabella 3

Għadd ta' awditi tal-enerġija mwettqa fis-sena X-3 u X-2. Barra minn hekk, l-għadd totali stmat ta' kumpaniji kbar fit-territorju tagħhom li huwa applikabbli għalihom l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-għadd ta' awditi tal-enerġija mwettqa f'dawk l-intrapriżi fis-sena X-3 u X-2

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	Sena	
			X-3 ([2])	X-2
Għadd totali ta' awditi tal-enerġija mwettqa	M	għadd		
Għadd ta' kumpaniji kbar ([1]) li japplika għalihom l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE	M	għadd		
Għadd ta' awditi tal-enerġija mwettqa f'kumpaniji kbar li għalihom huwa applikabbli l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE	M	għadd		

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M = obbligatorju.

Noti:

([1]) Id-definizzjoni għall-intrapriżi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE ssegwi d-definizzjoni tal-Kummissjoni għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), kif inkluża fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

([2]) X-3 ma għandhiex tapplika għall-ewwel rapporti ta' progress fl-2023.

Tabella 4

Fattur tal-enerġija primarja nazzjonali applikat għall-elettriku u ġustifikazzjoni, jekk dan ikun differenti mill-koeffiċjent prestabbilit imsemmi fin-nota f'qiegħ il-paġna (3) tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE

Fattur tal-enerġija primarja nazzjonali għall-elettriku (numru)	M	
Ġustifikazzjoni, jekk il-fattur ikun differenti mill-koeffiċjent prestabbilit imsemmi fin-nota f'qiegħ il-paġna (3) tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE	M	

M = obbligatorju

Tabella 5

Għadd u spazju ta' art ta' binjiet b'użu ta' kważi żero enerġija ġodda u rinnovati ([1]) fis-sena X-2 u X-1, kif previst fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE, fejn meħtieġ abbażi ta' kampjunar statistiku

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Numru		Spazju ta' art totali (m^2)	
		1 ta' Jannar ta' X-2	1 ta' Jannar ta' X-1	1 ta' Jannar ta' X-2	1 ta' Jannar ta' X-1
Settur residenzjali: Total	M_{iav}				
Settur residenzjali: NZEBs ġodda	V				

Settur residenzjali: Rinnovazzjoni	V				
Mhux residenzjali (privat): Total	M_{iav}				
Mhux residenzjali (privat): NZEBs ġodda	V				
Mhux residenzjali (privat): Rinnovazzjoni	V				
Mhux residenzjali (pubbliku ([2])): Total	M_{iav}				
Mhux residenzjali (pubbliku): NZEBs ġodda	V				
Mhux residenzjali (pubbliku): Rinnovazzjoni	V				

Definizzjoni ta' binjiet b'użu ta' kważi żero enerġija ([3])	V	

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iav} = obbligatorju jekk disponibbli; V = volontarju.

Noti:

([1]) Id-definizzjoni ta' binjiet b'użu ta' kważi żero enerġija hija skont id-definizzjonijiet nazzjonali uffiċjali ta' NZEB li jittrasponu l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE, skont id-definizzjoni ta' qafas fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE: "Bini b'użu ta' kważi żero enerġija" tfisser bini li għandu rendiment tajjeb ħafna fl-użu tal-enerġija kif determinat skont l-Anness I. Il-kważi żero enerġija jew l-ammont baxx ħafna ta' enerġija meħtieġa għandha tiġi fil-maġġor parti tagħha minn sorsi ta' enerġija rinovabbli, inkluża minn sorsi ta' enerġija rinovabbli prodotta fuq il-post jew fil-qrib".

([2]) IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini, tiċċara li l-Artikolu 2a(1)(e) tad-Direttiva 2010/31/UE jikkonċerna l-binjiet pubbliċi kollha (u mhux biss il-binjiet tal-korpi pubbliċi li huma proprjetà tal-gvern ċentrali u okkupati minnu). Il-politiki u l-azzjonijiet skont l-Artikolu 2a(1)(e) tad-Direttiva 2010/31/UE għandhom jinkludu, pereżempju, il-binjiet li huma okkupati (eż. mogħti b'lokazzjoni jew mikri) minn awtoritajiet lokali jew reġjonali u l-binjiet li huma proprjetà tal-gvern ċentrali u l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, iżda mhux neċessarjament okkupat minnhom.

([3]) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu referenza għal jew deskrizzjoni qasira tad-definizzjonijiet nazzjonali tagħhom ta' NZEB.

Tabella 6

Link tal-Internet għas-sit web fejn wieħed jista' jaċċessa l-lista jew l-interfaċċa ta' fornituri ta' servizzi tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 18(1), il-punt (c) tad-Direttiva 2012/27/UE

Link tal-Internet għas-sit web tal-lista jew tal-interfaċċa tal-fornituri tas-servizzi tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 18(1), il-punt (c) tad-Direttiva 2012/27/UE	M	
Aktar dettalji jew kummenti dwar id-*data*	V	

M = obbligatorju; V = volontarju

ANNESS XVIII:

FAQAR ENERĠETIKU

Tabella 1

Informazzjoni dwar il-progress lejn l-objettivi indikattivi nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku

Isem il-mira/l-objettiv nazzjonali	Deskrizzjoni	Sena fil-mira	Progress lejn il-mira/l-objettiv (1)	Indikatur(i) tal-Progress (jekk disponibbli)						Dettalji dwar l-istrateġija ta' monitoraġġ	Referenza għall-valutazzjonijiet u r-rapporti tekniċi ta' sostenn
				Isem l-indikatur għall-monitoraġġ tal-progress	Sena bażi	Valur fis-sena bażi	Unità	X-3	X-2		
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Mira/objettiv nazzjonali 1											
Mira/objettiv nazzjonali 2											
Mira/objettiv nazzjonali 3											
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ											

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

(1) L-Istati Membri għandhom jispjegaw il-progress lejn l-objettiv/il-mira indikattiv(a) nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku. Fejn rilevanti, l-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar ix-xejriet ġenerali jew l-effetti minn programmi/politiki oħrajn, li jista' jkollhom effett fuq il-progress.

ANNESS XIX

FAQAR ENERĠETIKU

Tabella 1

Informazzjoni kwantitattiva dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku

Għadd ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku	Unità (1)	Sena ta' referenza (2)	Sena tal-pubblikazzjoni	Metodoloġija biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku	Il-kriterji u d-*data* (inkluż is-sors) li jirfdu l-valutazzjoni tal-għadd ta' unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}

Noti:
M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli
(1) L-Istati Membri għandhom jagħżlu mill-għażliet li ġejjin (jistgħu jiżdiedu unitajiet addizzjonali u jiġu speċifikati taħt "ohrajn"): għadd assolut; %; ohrajn.
(2) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrapportaw perjodu ta' referenza (eż. medja ta' tliet snin).

Tabella 2

Rapportar dwar l-indikaturi fir-rigward tal-faqar enerġetiku

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	X-3	X-2
Sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar li ma tistax iżżomm id-dar sħuna b'mod adegwat	V	Popolazzjoni taħt is-60 % tal-introjtu ekwivalizzat medjan (%)		
Sehem tal-popolazzjoni totali li ma tistax iżżomm id-dar sħuna b'mod adegwat	V	Popolazzjoni (%)		
Sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar b'arretrati fuq il-kontijiet tal-utilitajiet	V	Popolazzjoni taħt is-60 % tal-introjtu ekwivalizzat medjan (%)		
Sehem tal-popolazzjoni totali b'arretrati fuq kontijiet tal-utilitajiet	V	Popolazzjoni (%)		
Sehem tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar bi tnixxija, umdità jew susa fl-abitazzjoni (1)	V	Popolazzjoni taħt is-60 % tal-introjtu ekwivalizzat medjan (%)		
Sehem tal-popolazzjoni totali bi tnixxija, umdità jew susa fl-abitazzjoni (1)	V	Popolazzjoni (%)		

V = volontarju
Nota:
(1) Din id-*data* ma hijiex parti mill-istħarriġiet annwali tal-Eurostat iżda tista' tkun disponibbli fil-livell nazzjonali.

Element ta' rapportar	Speċifikazzjoni	Unità	X-3 L-ewwel nofs	X-3 It-tieni nofs	X-2 L-ewwel nofs	X-2 It-tieni nofs
Prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi	V	ct/kWh				
Prezzijiet tal-gass għall-unitajiet domestiċi	V	ct/kWh				
Prezzijiet tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi, l-aktar medda baxxa tal-konsum	V	ct/kWh				
Prezzijiet tal-gass tal-unitajiet domestiċi, l-aktar medda baxxa tal-konsum	V	ct/kWh				

Tabella 3

Rapportar dwar l-indikaturi nazzjonali fir-rigward tal-faqar enerġetiku

Isem l-indikatur (1)	Sors tad-*data*	Unità	Sena		Perjodu tal-ġbir tad-*data* (2)	Deskrizzjoni qasira
			X-3	X-2		
V	V	V	V	V	V	V
Indikatur 1						
Indikatur 2						
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ						

Notazzjoni: X = sena ta' rapportar; V = volontarju

Noti:

(1) L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw indikaturi nazzjonali li jikkomplementaw l-indikaturi fit-Tabella 2. Dawn jistgħu jinkludu l-introjtu tal-unitajiet domestiċi, l-affordabbiltà tas-servizzi tal-enerġija, is-sitwazzjonijiet tal-akkomodazzjoni u t-tagħmir u indikaturi komplimentari/indiretti utli biex tiġi approfondita l-analiżi tal-ixprunaturi potenzjali tal-faqar enerġetiku. Jistgħu jitfasslu indikaturi mill-bażi tad-*data* tal-Osservatorju tal-Istokk Immobiljari.

(2) L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw il-perjodu tal-ġbir tad-*data* u jekk id-*data* tinġabarx b'mod regolari.

Tabella 4

Informazzjoni dwar id-definizzjoni nazzjonali tal-faqar enerġetiku

Definizzjoni nazzjonali tal-faqar enerġetiku	Sena tal-pubblikazzjoni	Sena tal-aħħar emenda	Kummenti ġenerali (1)
V	V	V	V

Noti:

V = volontarju

(1) L-Istati Membri jistgħu jinkludu informazzjoni dwar l-istatus, eż., jekk hijiex definizzjoni legali jew definizzjoni ta' ħidma (li ma għandha l-ebda status legali iżda toħloq għarfien komuni dwar il-karatteristiċi tal-faqar enerġetiku u tappoġġa l-istabbiliment ta' miri, l-implimentazzjoni ta' miżuri u x-xejriet ta' monitoraġġ) u informazzjoni dwar l-indikaturi ta' appoġġ.

ANNESS XX:

INFORMAZZJONI DWAR KIF L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN NAZZJONALI INTEGRAT GĦALL-ENERĠIJA U L-KLIMA TIKKONTRIBWIXXI GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA, IL-PROMOZZJONI KEMM TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM KIF UKOLL TAL-UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI, U L-INDIRIZZAR TAL-INUGWALJANZI FIL-FAQAR ENERĠETIKU

Tabella 1

Impatt tal-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima fuq l-impjiegi, il-ħaddiema u r-reġjuni

Impatti mistennija fuq l-impjiegi, is-swieq tax-xogħol u l-ħiliet (1)	V	
Impatti distributtivi mistennija fost il-popolazzjoni (2)	V	
Impatt mistenni għar-reġjuni l-aktar affettwati (3)	V	
Impatt mistenni fuq il-kwalità tal-ħajja, il-benesseri (4)	V	
Impatti mistennija fuq il-kostijiet (5)	V	
Inklużività u proċessi parteċipattivi (6)	V	

Noti:

V = volontarju

(1) L-Istati Membri jistgħu jipprovdu elementi kwantitattivi dwar l-evoluzzjoni mistennija tas-suq tax-xogħol bħala riżultat tal-politiki (eż. setturi li se jikbru, oħrajn li se jiċkienu, u b'kemm) u jiddeskrivu l-miżuri adottati/li għandhom jiġu adottati biex jakkumpanjaw din it-tranżizzjoni, inkluż fir-rigward tal-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll tal-protezzjoni soċjali.

(2) L-Istati Membri jistgħu jiddeskrivu l-impatti mistennija tal-politiki fuq il-popolazzjoni ġenerali kif ukoll fuq gruppi speċifiċi, speċjalment dawk l-aktar vulnerabbli, filwaqt li jirriflettu wkoll jekk xi gruppi humiex se jibbenefikaw aktar minn oħrajn, u jiddeskrivu miżuri mmirati biex jiżguraw il-ġustizzja u l-kondiviżjoni ugwali tal-piż f'dak ir-rigward.

(3) L-Istati Membri jistgħu jiddeskrivu l-impatti mistennija tal-politiki fuq reġjuni li għandhom jiġu affettwati l-aktar mit-tranżizzjoni, speċjalment ir-reġjuni tal-faħam, tal-pit jew tax-shale bituminuż jew ir-reġjuni intensivi fil-karbonju, u miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi f'tali żoni. L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu indikaturi kwantitattivi bħall-impjiegi, il-produzzjoni ekonomika u d-dħul mit-taxxa lokali.

(4) L-Istati Membri jistgħu jiddeskrivu l-impatti mistennija fuq it-tnaqqis tal-perikli ambjentali, id-degradazzjoni u t-tniġġis, it-titjib tal-aċċess għal prodotti aktar sikuri, ekosistemi intatti u s-servizzi tagħhom (ikel, arja nadifa, ilma, stabbiltà tal-klima eċċ.), għajxien sigur u benefiċċji għas-saħħa u l-benesseri, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol aktar tajbin għas-saħħa, eż., limitazzjoni tal-emissjonijiet u titjib tal-istandards ta' kwalità tal-arja tal-postijiet tax-xogħol.

(5) L-Istati Membri jistgħu jiddeskrivu l-impatti mistennija fuq il-kostijiet introdotti bħala riżultat tal-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ambjent kemm għan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi (eż., l-iffrankar tal-enerġija jbaxxi l-kost tal-enerġija; prodotti aktar dejjiema jbaxxu l-kostijiet għas-sostituzzjoni; kostijiet aktar baxxi għat-tindif ambjentali u għas-saħħa pubblika).

(6) L-Istati Membri jistgħu jiddeskrivu l-impatti mistennija tal-miżuri biex jiżguraw l-inklużività tal-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ambjent, b'mod partikolari fir-rigward tal-unitajiet domestiċi u l-komunitajiet b'introjtu baxx affettwati direttament mit-tranżizzjoni, pereżempju fir-reġjuni l-aktar affettwati, permezz ta', pereżempju, l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika u servizzi pubbliċi, proċessi parteċipattivi, eċċ.

Tabella 2

Impatt tal-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-indirizzar tal-inugwaljanzi fil-faqar enerġetiku

Promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem (1)	V	
Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri (2)	V	
Indirizzar tal-inugwaljanzi fil-faqar enerġetiku	V	

Noti:
V = volontarju

(1) Il-ġustizzja klimatika u t-tranżizzjoni ġusta jindirizzaw ukoll il-kondiviżjoni tal-benefiċċji u l-piżijiet tat-tibdil fil-klima minn perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem. It-tibdil fil-klima jhedded it-tgawdija effettiva ta' firxa ta' drittijiet tal-bniedem inklużi dawk għall-ħajja, għall-ilma u għas-sanità, għall-ikel, għas-saħħa, għall-akkomodazzjoni, għall-awtodeterminazzjoni, għall-kultura u għall-iżvilupp. L-Istati Membri jistgħu jiddeskrivu kif l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima tikkontribwixxi għall-obbligu tagħhom li jipprevjenu l-effetti negattivi prevedibbli tat-tibdil fil-klima u jiżguraw li dawk affettwati minnu, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, ikollhom aċċess għal rimedji effettivi u mezzi ta' adattament biex igawdu ħajja ta' dinjità umana.

(2) L-Istati Membri jistgħu jiddeskrivu kif il-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima qegħdin jimplimentaw it-tranżizzjoni ġusta filwaqt li jqisu l-impatti differenti fuq l-opportunitajiet għall-irġiel, għan-nisa u għall-persuni ta' ġeneru divers f'reġjuni ta' tranżizzjoni, x'ostakli jeżistu, u xi pjanijiet ippjanaw u implimentaw biex jimxu 'l quddiem.

ANNESS XXI

IMPLIMENTAZZJONI TAL-KOOPERAZZJONI REĠJONALI

Tabella 1

Rapportar rigward informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali

L-isem tal-inizjattiva ta' kooperazzjoni reġjonali ma' Stati Membri oħrajn fl-implimentazzjoni tal-objettivi u l-politiki	Dimensjoni(jiet) rilevanti tal-Unjoni affettwata/affettwati [1]	Perjodu ta' implimentazzjoni	Deskrizzjoni	L-Istati Membri involuti	Kontribut mistenni għall-implimentazzjoni tal-objettivi u l-politiki	Progress lejn il-kooperazzjoni reġjonali
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Kooperazzjoni 1						
Kooperazzjoni 2						
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ						

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

[1] L-Istati Membri għandhom jagħżlu waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: Dekarbonizzazzjoni: emissjonijiet u assorbimenti tal-gassijiet serra; Dekarbonizzazzjoni - Enerġija rinnovabbli; Effiċjenza enerġetika; Sigurtà tal-enerġija; Suq intern tal-enerġija - Interkonnettività tal-elettriku; Suq intern tal-enerġija - Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija; Suq intern tal-enerġija - Integrazzjoni tas-suq; Riċerka, innovazzjoni u kompetittività; Eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-enerġija

ANNESS XXII

RAPPORTAR DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 32(1) JEW (2) TAR-REGOLAMENT (UE) 2018/1999

Tabella 1

Rapportar dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet

Rakkomandazzjoni	Kategorija ta' rakkomandazzjoni (1)	Politiki u miżuri adottati, jew maħsuba biex jiġu adottati u implimentati, biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni	Skeda ta' żmien dettaljata għall-implimentazzjoni	Raġunijiet għaliex ma ġietx indirizzata r-rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha
M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}	M_{iap}
Rakkomandazzjoni 1				
Rakkomandazzjoni 2				
Żid aktar ringieli, kif meħtieġ				

M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

Noti:

(1) L-Istat Membru għandu jagħżel minn lista ta' kategoriji pprovduti fil-verżjoni elettronika tal-format f'tabella

ANNESS XXIII

RAPPORTAR RIGWARD ID-DJALOGU F'DIVERSI LIVELLI DWAR IL-KLIMA U L-ENERĠIJA MSEMMI FL-ARTIKOLU 11 TAR-REGOLAMENT (UE) 2018/1999

Tabella 1

Progress fl-istabbiliment ta' djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija msemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1999 [1]

Dettalji dwar id-djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija	M	
Progress fl-istabbiliment tad-djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija	M_{iap}	

Noti:

M = obbligatorju; M_{iap} = obbligatorju jekk applikabbli

[1] L-Istati Membri għandhom jipprovdu dettalji tad-djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, li fihom l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità tan-negozju, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti ohrajn u l-pubbliku ġenerali jinvolvu ruħhom u jiddiskutu x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż għal żmien twil